EBA/GL/2021/12

il-11 ta’ Novembru 2021

# Linji Gwida

## dwar metodoloġija ta’ valutazzjoni komuni għall-għoti ta’ awtorizzazzjoni bħala istituzzjoni ta’ kreditu skont l-Artikolu 8(5) tad-Direttiva 2013/36/UE

# 1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

## Status ta' dawn il-Linji Gwida

1. Dan id-dokument jinkludi Linji Gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010[1]. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-Linji gwida.

2. Il-linji gwida jistabbilixxu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni għandha tiġi applikata f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-Linji Gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-Linji Gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## Rekwiżiti ta' rapportar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk ikunux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida, jew inkella jipprovdu r-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 08.04.2022. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu mill-EBA li mhumiex konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA lil compliance@eba.europa.eu bir-referenza "EBA/GL/2021/12". In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istat ta' konformità għandha tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.

4. In-notifiki se jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

# 2. Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

## Suġġett

5. Dawn il-Linji Gwida jispeċifikaw metodoloġija ta' valutazzjoni komuni ("CAM") għall-għoti ta' awtorizzazzjonijiet f'konformità mad-Direttiva 2013/36/UE ("CRD"), skont il-mandat mogħti lill-EBA bl-Artikolu 8(5) ta' dik id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva (UE) 2019/878.

## Kamp ta' applikazzjoni

6. Dawn il-Linji Gwida japplikaw għall-każijiet kollha fejn, skont id-Direttiva 2013/36/UE, kif emendata sussegwentement, l-awtoritajiet kompetenti jridu jivvalutaw l-għoti ta' awtorizzazzjoni bħala istituzzjoni ta' kreditu – definiti fl-ittri (a) u (b) tal-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013[2] ("CRR").

## Destinatarji

7. Dawn il-Linji Gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif definit fl-Artikolu 4(2)(i) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

## Definizzjonijiet

8. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati u definiti fis-CRR, fis-CRD, fir-Regolament 2019/2033[3] dwar ir-rekwiżiti prudenzjali tad-ditti tal-investiment u fid-Direttiva 2019/2034[4] dwar is-superviżjoni prudenzjali tad-ditti tal-investiment għandhom l-istess tifsira fil-Linji Gwida.

9. Barra minn hekk, għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

| | |
|---|---|
| **Superviżur fil-qasam tal-AML/CFT** | L-awtorità kompetenti kif definita fl-Artikolu 4(2)(iii) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 |
| **CAM** | Metodoloġija ta' valutazzjoni komuni |

[2] Kif emendat bir-Regolament (UE) 2019/2033 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali tad-ditti tal-investiment.

[3] Ir-Regolament (UE) 2019/2033 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali tad-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 575/2013, (UE) Nru 600/2014 u (UE) Nru 806/2014

[4] Id-Direttiva (UE) 2019/2034 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar is-superviżjoni prudenzjali tad-ditti tal-investiment u li temenda d-Direttivi 2002/87/KE, 2009/65/KE, 2011/61/UE, 2013/36/UE 2014/59/UE u 2014/65/UE

# 3. Implimentazzjoni

## Data ta' applikazzjoni

10. Dawn il-Linji Gwida japplikaw minn 08.04.2022.

# 4. Prinċipji ġenerali

## 4.1 Metodoloġija ta' valutazzjoni komuni

11. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li għall-finijiet tal-għoti ta' awtorizzazzjoni bħala istituzzjoni ta' kreditu, kif definit fl-Artikolu 4(1) tas-CRR, huma japplikaw il-metodoloġija ta' valutazzjoni komuni ("CAM") stabbilita f'dawn il-Linji Gwida.

12. Il-CAM tistabbilixxi l-kriterji u l-metodi li skonthom l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-rekwiżiti komuni għall-għoti ta' awtorizzazzjoni bħala istituzzjoni ta' kreditu stabbiliti fl-Artikoli 10 sa 14 tad-Direttiva 2013/36/UE.

13. Għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida, ir-referenzi għar-riskju jinkludu wkoll ir-riskju ta' ML/TF. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jivvalutaw b'mod komprensiv l-aspetti relatati mal-AML/CFT għall-finijiet tal-għoti tal-awtorizzazzjoni. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw mas-superviżur fil-qasam tal-AML/CFT rilevanti u korpi pubbliċi rilevanti oħra kif xieraq f'konformità mal-Artikolu 117(5) tad-Direttiva 2013/36/UE[5].

14. Sabiex jiġi żgurat li l-valutazzjoni għall-għoti tal-awtorizzazzjoni tkun ibbażata fuq informazzjoni affidabbli, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrieżaminaw l-informazzjoni u d-dokumenti sottomessi mal-applikazzjoni skont *l-RTS dwar l-informazzjoni għall-awtorizzazzjoni*, fid-dawl tar-rekwiżiti tal-verità, iċ-ċarezza, il-preċiżjoni, l-aġġornament u l-kompletezza, u bil-ħsieb li tiġi żgurata l-ġestjoni soda u prudenti tal-istituzzjoni. Skont l-Artikolu 10(2) tal-*RTS dwar l-informazzjoni għall-awtorizzazzjoni*, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu wkoll li l-applikant jipprovdi informazzjoni supplimentari jew spjegazzjonijiet addizzjonali.

15. Il-CAM hija teknoloġikament newtrali u favorevoli għall-innovazzjoni, għalhekk tkopri l-istituzzjonijiet ta' kreditu applikanti bil-mudelli ta' negozju kollha, kemm mudelli ta' negozju u/jew mekkaniżmi ta' twassil tradizzjonali kif ukoll innovattivi u, fl-istess ħin, ma timponix rekwiżiti biex jintużaw teknoloġiji speċifiċi jew jiġu adottati ċerti strutturi. Għalhekk, din ma tfixkilx il-ħolqien u l-espansjoni ta' teknoloġiji ġodda u mudelli ta' negozju innovattivi. Għaldaqstant, l-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx jippreferu jew jipprevjenu l-adozzjoni ta' teknoloġija speċifika, u lanqas ma għandhom jippreferu jew jippreġudikaw mudell jew servizz ta' negozju speċifiku fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-applikazzjoni. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa li jiġi żgurat li l-mudell tan-negozju jew il-mekkaniżmu ta' twassil ma jkunux ta' xkiel għas-superviżjoni effettiva tal-awtoritajiet kompetenti.

[5] B'mod partikolari l-Linji Gwida tal-EBA dwar il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn is-superviżuri prudenzjali, is-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT u l-unitajiet tal-intelligence finanzjarja skont id-Direttiva 2013/36/UE. Id-Dokument ta' Konsultazzjoni, EBA/CP/2021/21 tas-27 ta' Mejju 2021, huwa disponibbli fuq https://www.eba.europa.eu/eba-consults-new-guidelines-cooperation-and-information-exchange-area-anti-money-laundering-and

16. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi madwar l-UE, il-valutazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti għandha tkun biss teknika, tirrifletti r-regolamentazzjoni prudenzjali u tkun f'konformità mal-Artikolu 11 tad-Direttiva 2013/36/UE.

### 4.1.1 Proporzjonalità

17. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu l-valutazzjoni għall-għoti tal-awtorizzazzjoni f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif speċifikat f'dawn il-Linji Gwida, bil-ħsieb li jiżguraw li l-valutazzjoni tkun konsistenti mal-profil tar-riskju individwali u l-mudell tan-negozju tal-istituzzjoni ta' kreditu applikanti, sabiex l-objettivi tar-rekwiżiti regolatorji jinkisbu b'mod effettiv.

18. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-kriterji li ġejjin:

a) id-daqs mistenni tal-karta tal-bilanċ tal-istituzzjoni ta' kreditu applikanti u s-sussidjarji tagħha fl-ambitu tal-konsolidazzjoni prudenzjali, kif applikabbli;

b) il-preżenza ġeografika mistennija tal-istituzzjoni ta' kreditu applikanti u d-daqs tal-operazzjonijiet tagħha f'kull ġurisdizzjoni;

c) il-forma legali tal-istituzzjoni ta' kreditu applikanti, inkluż jekk l-istituzzjoni ta' kreditu hijiex parti minn grupp;

d) jekk l-istituzzjoni hijiex elenkata jew le;

e) it-tip ta' attivitajiet u servizzi ppjanati mwettqa mill-istituzzjoni ta' kreditu applikanti (eż. ara wkoll l-Anness 1 għad-Direttiva 2013/36/UE u l-Anness 1 għad-Direttiva 2014/65/UE);

f) il-mudell tan-negozju (inkluż il-karattru innovattiv, l-uniċità jew il-kumplessità tiegħu) u l-istrateġija, kif ukoll il-livell mistenni ta' riskju li jirriżulta mill-implimentazzjoni u l-eżekuzzjoni; in-natura u l-kumplessità tal-attivitajiet tan-negozju mmirati;

g) l-istruttura organizzazzjonali tal-istituzzjoni ta' kreditu;

h) l-istrateġija tar-riskju, il-predispożizzjoni għar-riskju u l-profil tar-riskju previsti tal-istituzzjoni ta' kreditu applikanti;

i) is-sjieda u l-istruttura ta' finanzjament tal-istituzzjoni ta' kreditu applikanti;

j) it-tip ta' klijenti (eż. konsumaturi, korporattivi, istituzzjonali, negozji żgħar, entitajiet pubbliċi) u l-kumplessità tal-prodotti jew kuntratti previsti;

k) il-funzjonijiet esternalizzati u l-kanali ta' distribuzzjoni previsti;

l) is-sistemi eżistenti u/jew ippjanati tat-teknoloġija tal-informazzjoni (IT), inklużi s-sistemi ta' kontinwità u l-funzjonijiet ta' esternalizzazzjoni f'dan il-qasam;

m) jekk l-istituzzjoni ta' kreditu applikanti tappartjenix għal grupp li huwa soġġett għas-superviżjoni konsolidata tal-awtorità kompetenti;

n) jekk l-istituzzjoni ta' kreditu applikanti tissottomettix applikazzjoni għal attivitajiet speċifiċi biss, jew istituzzjoni ta' kreditu eżistenti tapplikax għal estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-awtorizzazzjoni kull meta l-awtorizzazzjoni tkun ingħatat esklussivament għall-eżerċizzju ta' attivitajiet speċifiċi;

o) il-konsistenza mat-tip u l-wisa' tal-informazzjoni meħtieġa skont l-*RTS dwar l-informazzjoni għall-awtorizzazzjoni*.

19. Fil-każ tal-paragrafu 18, l-ittra m), u f'konformità mal-Artikolu 10(1) tal-*RTS dwar l-informazzjoni għall-awtorizzazzjoni*, l-intensità tal-valutazzjoni għandha tqis l-għarfien dirett tal-awtorità kompetenti – abbażi tal-informazzjoni disponibbli għaliha – tal-mudell tan-negozju, il-profil tar-riskju u l-kundizzjonijiet prudenzjali, finanzjarji, tan-negozju u operazzjonali attwali tal-istituzzjoni ta' kreditu jew tal-grupp applikanti.

20. Fil-każ tal-paragrafu 18, ittra n), sakemm l-estensjoni sottomessa ma tibdilx materjalment in-natura u l-profil tar-riskju tal-istituzzjoni ta' kreditu, il-valutazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti għandha tkun limitata fil-kamp ta' applikazzjoni u tiffoka fuq l-impatt tal-attivitajiet addizzjonali l-ġodda fuq il-mudell tan-negozju ġenerali u fuq il-kapaċità ta' konformità mar-rekwiżiti prudenzjali, b'mod partikolari fuq il-ġestjoni soda u prudenti tal-istituzzjoni ta' kreditu (inkluż, b'mod partikolari, il-profittabbiltà tal-linji tan-negozju l-ġodda u s-sostenibbiltà ġenerali tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju, l-adegwatezza tal-membri tal-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni ta' ġestjoni jew superviżorja tiegħu, il-qafas ta' kontroll intern u s-sistemi tal-IT). Għandha tqis ukoll l-għarfien dirett tal-awtorità kompetenti dwar il-mudell tan-negozju, il-profil tar-riskju u l-kundizzjonijiet prudenzjali, finanzjarji, tan-negozju u operazzjonali tal-istituzzjoni ta' kreditu applikanti.

21. L-applikazzjoni tal-prinċipju tal-proporzjonalità mill-awtoritajiet kompetenti qatt ma tista' tammonta għal eżenzjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu applikanti mill-issodisfar ta' kwalunkwe rekwiżit obbligatorju għall-għoti tal-awtorizzazzjoni.

## 4.2 Konsistenza u kontinwità bejn l-awtorizzazzjoni u l-valutazzjoni superviżorja tan-negozju avvjat

22. Skont il-CAM, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni bħala istituzzjoni ta' kreditu b'mod konsistenti mar-rekwiżiti prudenzjali u l-metodoloġiji ta' valutazzjoni superviżorja applikati f'negozju avvjat. Għandhom jevitaw prattiki ta' valutazzjoni li jippromwovu approċċi kontradittorji bejn il-fażijiet differenti taċ-ċiklu tal-ħajja tal-istituzzjoni ta' kreditu.

23. Għal dan il-għan, sabiex jiġu evitati d-duplikazzjoni u l-inkonsistenza tar-regolamentazzjoni, dawn il-Linji Gwida għandhom jinqraw fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-atti leġiżlattivi

msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament ta' twaqqif tal-EBA, kif ukoll tal-atti Delegati u ta' Implimentazzjoni, RTS, ITS, Linji Gwida u Rakkomandazzjonijiet assoċjati, adottati skont dawn l-atti leġiżlattivi, li huma rilevanti għall-CAM, u jirreferu għalihom kull meta jkun xieraq u opportun.

24. Il-valutazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti għandha tiffoka fuq l-iżgurar tal-ġestjoni soda u prudenti tal-istituzzjoni ta' kreditu mill-ewwel jum tal-aċċess għas-suq.

25. Sabiex jiġi żgurat li dan l-objettiv jintlaħaq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu l-awtorizzazzjoni biss meta jkunu sodisfatti li r-rekwiżiti kollha tal-awtorizzazzjoni jkunu ntlaħqu. Minkejja dan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-aġġustamenti tekniċi u operazzjonali li l-istituzzjoni ta' kreditu tista' tkun soġġetta għalihom matul il-fażi tat-twaqqif tagħha. Sabiex jiġi żgurat li dawn iċ-ċirkostanzi jitqiesu kif xieraq, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu japplikaw kundizzjonijiet preċedenti u/jew obbligi jew restrizzjonijiet sussegwenti, jew jiċċaraw l-aspettattivi tagħhom fir-rigward ta' oqsma speċifiċi ta' fokus superviżorju skont il-paragrafi 26–29 hawn taħt.

26. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu, fid-diskrezzjoni tagħhom stess, jimponu fuq l-istituzzjoni ta' kreditu applikanti kundizzjonijiet preċedenti u/jew obbligi sussegwenti fiż-żmien tal-ħruġ tal-awtorizzazzjoni. L-impożizzjoni ta' tali kundizzjonijiet preċedenti u/jew obbligi sussegwenti għandha tkun soġġetta għall-valutazzjoni pożittiva tal-awtoritajiet kompetenti li r-rekwiżiti kollha għall-għoti tal-awtorizzazzjoni jkunu ssodisfati fis-sustanza u li jkunu sodisfatti bl-għoti tal-awtorizzazzjoni. Sabiex jiġu żgurati ċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeskrivu tali kundizzjonijiet preċedenti u/jew obbligi sussegwenti b'mod ċar u tajjeb meta japplikawhom.

27. B'mod konsistenti mal-paragrafu 26, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu japplikaw biss kundizzjonijiet preċedenti relatati ma' aspetti formali u mhux sostantivi tar-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni, li fil-prattika jistgħu jiġu ssodisfati biss mill-istituzzjoni ta' kreditu applikanti wara l-valutazzjoni pożittiva tal-awtorità kompetenti tal-issodisfar fis-sustanza tar-rekwiżiti kollha ta' awtorizzazzjoni. Bħala eżempju, aspetti formali jew mhux sostantivi tar-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni jistgħu jinkludu, skont iċ-ċirkostanzi, is-sottomissjoni ta' parti minn dokumentazzjoni formalment adottata mill-applikant, jew il-finalizzazzjoni formali ta' proċedura interna għall-applikant, jew testijiet tas-sistemi tal-ICT biex jiġi vverifikat il-funzjonament sħiħ tagħhom fil-prattika.

28. F'konformità mar-rekwiżiti u l-limiti stabbiliti fil-paragrafi 26 u 27, kundizzjonijiet preċedenti jistgħu jiġu mehmuża mal-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti fir-rigward ta' kwistjonijiet fejn l-applikant jew l-entità huma meħtieġa jieħdu azzjoni jew joqogħdu lura minn azzjoni qabel ma l-awtorizzazzjoni ssir effettiva. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu skadenza għall-konformità u jindikaw b'mod ċar li l-awtorizzazzjoni se ssir effettiva biss ladarba l-kundizzjoni tkun ġiet issodisfata. Sakemm il-kundizzjoni ma tiġix issodisfata, l-istituzzjoni ta' kreditu applikanti ma tistax twettaq attivitajiet bankarji jew tuża l-isem "bank", "bank tat-tfaddil" jew ismijiet bankarji oħra.

29. B'mod konsistenti mal-paragrafu 26, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jimponu obbligi sussegwenti fuq l-istituzzjoni ta' kreditu applikanti sabiex jittrattaw kwistjonijiet li jseħħu wara li tingħata l-awtorizzazzjoni. Tali obbligi sussegwenti jistgħu jiġu imposti biss mill-awtoritajiet kompetenti fejn, minkejja li l-istituzzjoni ta' kreditu applikanti tissodisfa r-rekwiżiti kollha ta' awtorizzazzjoni fis-sustanza, il-konformità ma' wieħed jew aktar minnhom fuq bażi kontinwa jeħtieġ li tiġi mmonitorjata u infurzata b'mod speċifiku jekk dan ikun iġġustifikat. Għaldaqstant, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiċċaraw li, filwaqt li n-nuqqas tal-issodisfar ta' obbligu mhux se jagħmel il-ħruġ inizjali tal-awtorizzazzjoni ineffettiv per se, in-nuqqas ta' konformità tagħhom għandu jiġi indirizzat permezz ta' għodod superviżorji jew jirriżulta fl-applikazzjoni ta' miżuri ta' infurzar u/jew sanzjonijiet. Bħala eżempju, jistgħu jiġu imposti obbligi fir-rigward ta' kwistjonijiet li huma kkunsidrati bħala miżuri ta' implimentazzjoni tal-awtorizzazzjoni, bħal obbligi ta' rapportar jew l-iżgurar li l-membri tal-korp ta' ġestjoni juru għarfien speċifiku adegwat (eż. li jwettqu taħriġ).

30. Mingħajr preġudizzju għall-konformità mar-rekwiżiti kollha għall-awtorizzazzjoni mill-istituzzjoni ta' kreditu applikanti, u soġġett għall-valutazzjoni pożittiva dwar l-għoti tal-awtorizzazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti, fid-diskrezzjoni tagħhom stess, jistgħu – fil-mument tal-ħruġ tal-awtorizzazzjoni – jimponu restrizzjonijiet fuq il-kamp ta' applikazzjoni ta' wħud mill-attivitajiet jew tal-attivitajiet kollha li l-istituzzjoni ta' kreditu ser tkun awtorizzata twettaq. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jimponu restrizzjonijiet fuq xi attivitajiet bankarji jew l-attivitajiet bankarji kollha tal-istituzzjoni ta' kreditu applikanti fl-istess dokument ta' awtorizzazzjoni jew separatament minnu. Twettiq restrittiv ta' wħud mill-attivitajiet bankarji jew tal-attivitajiet bankarji kollha mill-istituzzjoni ta' kreditu applikanti jista' jew jitressaq mill-istituzzjoni ta' kreditu applikanti fl-applikazzjoni jew jista' jkun ir-riżultat tal-valutazzjoni komprensiva mill-awtorità kompetenti.

31. Sabiex jiġu żgurati ċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddefinixxu b'mod ċar tali restrizzjonijiet. Bħala eżempju, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu japplikaw restrizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni li timponi rekwiżit li jittieħdu depożiti biss sa ammont speċifiku għal kull depożitant, jew li jinħarġu biss tipi speċifiċi ta' titoli jew li jinħarġu titoli lil tipi speċifiċi ta' investituri biss. It-tneħħija tar-restrizzjonijiet applikati għandha tkun soġġetta għal valutazzjoni proporzjonata mill-awtorità kompetenti b'mod konsistenti mal-paragrafu 18.

32. Soġġett għall-issodisfar tar-rekwiżiti kollha għall-għoti tal-awtorizzazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti – fil-mument tal-ħruġ tal-awtorizzazzjoni – jistgħu jiġbdu l-attenzjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu applikanti għal oqsma speċifiċi ta' fokus superviżorju u juru l-aspettattivi tagħhom fl-istess dokument ta' awtorizzazzjoni jew separatament minnu. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jipprovdu raġunijiet, u jistabbilixxu bir-reqqa l-kwistjoni u l-objettivi segwiti. L-aspettattivi tal-awtorità kompetenti, minkejja li mhumiex legalment vinkolanti, għandhom iservu ta' gwida għall-istituzzjoni ta' kreditu f'negozju avvjat.

33. Meta l-istituzzjoni ta' kreditu applikanti tkun tappartjeni għal grupp bankarju u l-konformità mar-rekwiżiti prudenzjali stabbiliti fil-Partijiet Tnejn sa Tmienja tas-CRR tkun meħtieġa mill-

istituzzjoni ta' kreditu applikanti jew mill-impriża prinċipali tagħha abbażi tas-sitwazzjoni konsolidata tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrieżaminaw l-analiżi sottomessa mill-applikant skont l-Artikolu 4(f ) tal-*RTS dwar l-informazzjoni għall-awtorizzazzjoni*, bil-ħsieb li jivvalutaw il-kompletezza u l-komprensività tagħha. Meta l-awtorità kompetenti tkun ukoll is-superviżur konsolidat, hija għandha teżamina wkoll kwalunkwe effett fuq ir-rekwiżiti prudenzjali applikabbli fil-livell konsolidat.

34. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jidentifikaw l-eżistenza ta' kwalunkwe ostaklu, wara li jikkunsidraw b'mod partikolari l-eżistenza ta' rabtiet mill-qrib skont l-Artikolu 14(3) tas-CRD, li jistgħu jipprevjenu l-eżerċizzju effettiv tal-funzjonijiet superviżorji, inkluż, fejn applikabbli, fuq bażi konsolidata, u jikkunsidraw kwalunkwe informazzjoni, ċirkostanza jew sitwazzjoni rilevanti f'konformità mal-Artikolu 12 tal-*RTS dwar l-informazzjoni għall-awtorizzazzjoni*.

## 4.3 Sitwazzjonijiet fejn tkun meħtieġa awtorizzazzjoni

35. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li fil-każ ta' fużjoni ta' żewġ istituzzjonijiet ta' kreditu jew aktar li tinvolvi l-inkorporazzjoni ta' entità ġdida biex tibda twettaq l-attivitajiet bankarji fużi, tali entità stabbilita ġdida għandha tkun soġġetta għall-għoti minn qabel ta' awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti. Bl-istess mod, f'dawk l-Istati Membri fejn l-awtorizzazzjoni tingħata fuq bażi ta' attività b'attività, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-estensjoni tal-attivitajiet ta' negozju, bħala riżultat ta' fużjoni bl-assorbiment ta' istituzzjoni ta' kreditu oħra jew ta' xiri ta' attivitajiet minn istituzzjoni ta' kreditu terza, għandha tkun soġġetta għal estensjoni minn qabel tal-awtorizzazzjoni jekk tali attivitajiet ta' negozju ġodda ma jkunux diġà koperti mill-awtorizzazzjoni mogħtija lill-istituzzjoni ta' kreditu.

36. L-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' ristrutturar tal-grupp jew it-trasferiment ta' attivitajiet bħala istituzzjoni ta' kreditu minn entità għal oħra jistgħu jeħtieġu li ċerti attivitajiet jitwarrbu mit-tranżazzjoni u jiġu fdati lil entità temporanja ġdida, qabel ma dawk l-attivitajiet jiġu amalgamati fl-istituzzjoni ta' kreditu akkwirenti.[6]

37. Fejn l-awtoritajiet kompetenti jivvalutaw li, bis-saħħa tal-attivitajiet li jiġu trasferiti temporanjament, tali entità tissodisfa d-definizzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu, dik l-entità għandha tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni minn qabel.

38. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu ta' hawn fuq, l-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx jissoġġettaw it-trasferiment tal-attivitajiet tal-istituzzjoni ta' kreditu fuq entità temporanja għall-għoti minn qabel ta' awtorizzazzjoni meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-istabbiliment tal-entità temporanja jissodisfa r-rekwiżiti formali tal-istruttura għall-eżekuzzjoni tat-tranżazzjoni u t-tul tal-ħajja mistenni tal-istituzzjoni ta' kreditu temporanja jikkorrispondi għal "sekonda legali", jiġifieri perjodu qasir ta' żmien mhux definit li matulu l-

[6] Pereżempju, il-bejgħ ta' istituzzjoni ta' kreditu li tkun parti minn grupp, filwaqt li ċerti attivitajiet li jeħtieġu awtorizzazzjoni bħala istituzzjoni ta' kreditu tal-entità ċeduta jeħtieġ li jibqgħu fil-grupp. L-attivitajiet li għandhom jibqgħu jistgħu, pereżempju, jitwarrbu u jingħataw lil entità legali temporanja ġdida u sussegwentement jingħaqdu ma' entità oħra fi grupp li tkun awtorizzata bħala istituzzjoni ta' kreditu.

entità temporanja żżomm l-attivitajiet tal-istituzzjoni ta' kreditu sabiex tlesti formalment serje ta' tranżazzjonijiet legali li huma meħtieġa biex l-entità temporanja tiġi amalgamata mal-akkwirent, u

(b) ittieħdu miżuri adegwati u suffiċjenti mill-entitajiet li qed jingħaqdu biex jindirizzaw ir-riskji tal-eżekuzzjoni tat-tranżazzjoni, inkluż għax-xenarju li t-trasferiment ma jistax jitlesta sas-"sekonda legali". Tali miżuri (pereżempju trasferiment lura tal-attivitajiet) għandu jkollhom l-għan li jiżguraw li l-entità temporanja ma titħalliex tkun attiva fis-suq billi twettaq attivitajiet li jeħtieġu awtorizzazzjoni bħala istituzzjoni ta' kreditu.

39. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiċċaraw li awtorizzazzjoni biex jitwettaq in-negozju ta' istituzzjoni ta' kreditu mogħtija lil entità speċifika għandha tintuża biss minn dik l-entità u m'għandhiex tiġi trasferita lil entità oħra.

40. Meta jitqies li l-awtorizzazzjoni tingħata mill-awtoritajiet kompetenti skont il-liġi nazzjonali applikabbli, meta istituzzjoni ta' kreditu tkun biħsiebha tittrasferixxi s-sede tagħha lejn Stat Membru ieħor, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jissoġġettaw dik ir-rilokazzjoni għall-għoti minn qabel tal-awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn se jkun jinsab l-uffiċċju reġistrat il-ġdid tal-istituzzjoni ta' kreditu.

41. B'mod konsistenti mal-liġi nazzjonali dwar il-kumpaniji applikabbli, istituzzjoni ta' kreditu eżistenti tista' tbiddel il-forma legali tagħha. Fejn il-bidla tal-forma legali ma tinvolvix bidliet superviżorji materjali, l-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx jagħmlu l-bidla kundizzjonali fuq l-għoti ta' awtorizzazzjoni ġdida jew emendata.

# 5. Awtorizzazzjoni bħala istituzzjoni ta' kreditu skont l-ittra (a), il-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tas-CRR u l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu

## 5.1 Attivitajiet li jeħtieġu l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni

42. Skont id-Direttiva 2013/36/UE, il-protezzjoni tat-tfaddil u tal-istabbiltà finanzjarja tirrikjedi li t-twettiq tal-attività bħala istituzzjoni ta' kreditu jkun soġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti li tista' tingħata biss wara l-valutazzjoni pożittiva tal-applikazzjoni sottomessa mill-istituzzjoni ta' kreditu applikanti.

43. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw li l-applikant jissodisfa l-elementi kollha tad-definizzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fil-punt (1), ittra (a) tal-Artikolu 4(1) tas-CRR – "impriża li n-negozju tagħha huwa li tieħu depożiti jew fondi ripagabbli oħra mingħand il-pubbliku u tagħti krediti f'isimha stess". B'mod partikolari, huma għandhom jivvalutaw li kemm l-attività "li tieħu depożiti jew fondi ripagabbli oħra mingħand il-pubbliku" kif ukoll "li tagħti krediti f'isimha stess" ser tiġi eżerċitata mill-istituzzjoni ta' kreditu applikanti.

44. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li istituzzjoni ta' kreditu twettaq attivitajiet stabbiliti fl-Anness I tas-CRD u skont il-liġi nazzjonali. Il-valutazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju għandha għalhekk tkopri l-attivitajiet kollha previsti mill-istituzzjoni ta' kreditu applikanti fil-programm ta' operazzjonijiet, inklużi dawk li jmorru lil hinn mit-teħid ta' depożiti jew fondi ripagabbli oħra mingħand il-pubbliku u l-għoti ta' krediti f'isimha stess, irrispettivament minn jekk ikunux stabbiliti fl-Anness I tas-CRD, jew attivitajiet ulterjuri skont il-liġi nazzjonali. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżaminaw il-konsistenza u l-korrispondenza bejn l-attivitajiet previsti u l-organizzazzjoni interna tal-applikant, u n-nuqqas ta' elementi li jistgħu jipprevjenu l-eżerċizzju effettiv tal-funzjonijiet superviżorji tagħhom. Fuq dawn il-linji, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiċċaraw li, ladarba tkun awtorizzata, l-istituzzjoni ta' kreditu applikanti tkun soġġetta għal skrutinju komprensiv tal-attivitajiet kollha mwettqa mill-istituzzjoni ta' kreditu esklussivament għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-impatt ta' tali attivitajiet kollha fuq ir-regolamentazzjoni prudenzjali u s-superviżjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu kollha kemm hi.

45. Meta l-awtoritajiet kompetenti jivvalutaw li l-mudell tan-negozju tal-istituzzjoni ta' kreditu applikanti ma jissodisfax l-elementi kollha tad-definizzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu stabbiliti fil-punt (1), l-ittra (a) tal-Artikolu 4(1) tas-CRR, huma jirrifjutaw li jagħtu l-awtorizzazzjoni.

46. Fin-nuqqas ta' kunċett komuni tal-UE tal-elementi li jiffurmaw id-definizzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu stabbilit fil-punt (1), l-ittra (a) tal-Artikolu 4(1) tas-CRR, dawn il-Linji Gwida jindikaw lill-

awtoritajiet kompetenti aspetti ewlenin ta' tali elementi kif ukoll oqsma li jeħtieġu attenzjoni speċjali mill-awtoritajiet kompetenti meta jivvalutaw l-applikazzjoni.

47. Meta jivvalutaw jekk l-espressjoni "li n-negozju tagħha" hijiex issodisfata, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jivvalutaw li l-kombinazzjoni taż-żewġ attivitajiet li "tieħu depożiti jew fondi ripagabbli oħra mingħand il-pubbliku" u "tagħti krediti f'isimha stess" titwettaq fuq bażi regolari u sistematika.

48. Skont il-prinċipju ġenerali tal-protezzjoni tat-tfaddil, meta jivvalutaw jekk l-espressjoni "'tieħu' depożiti jew fondi ripagabbli oħra mingħand il-pubbliku" hijiex issodisfata, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw, fost affarijiet oħra, li l-mudell kummerċjali tal-istituzzjoni ta' kreditu applikanti (u b'hekk l-istruttura ta' finanzjament tagħha) ikopri r-riċeviment u/jew iż-żamma ta' tali depożiti u fondi oħra ripagabbli sakemm jitħallsu lura kompletament. Ir-ripagament sħiħ huwa relatat mal-ammont kapitali bi kwalunkwe imgħax dovut, jekk ikun hemm.

49. Meta jivvalutaw jekk l-espressjoni "depożiti" hijiex issodisfata, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffukaw l-attenzjoni tagħhom tal-anqas fuq l-iżgurar li dawn ikunu:

   a. somma ta' munita ta' kors legali fi kwalunkwe forma (bħal muniti, karti tal-flus, flus skritturali, eċċ.);

   b. ripagabbli fuq talba jew f'punt fiż-żmien miftiehem kuntrattwalment u bl-imgħax jew primjum jew mingħajru;

   c. riċevuti minn partijiet terzi (persuni ġuridiċi jew fiżiċi);

   d. riċevuti matul it-twettiq tal-attività bħala negozju.

50. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnutaw ukoll li d-depożiti jistgħu jieħdu diversi forom, jistgħu jkunu trasferibbli, jew depożiti oħra, inklużi depożiti ta' tfaddil, depożiti għal terminu fiss jew ċertifikati ta' depożitu mhux negozjabbli.

51. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw ukoll, fost affarijiet oħra, li l-esklużjonijiet tal-kunċett ta' depożitu eliġibbli u l-obbligu ta' ripagament mill-iskema ta' garanzija tad-depożiti kif stabbilit fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2014/49/UE dwar skemi ta' garanzija tad-depożiti ("DGSD") ma jaffettwawx il-kunċett ta' "depożiti" għall-finijiet tal-għoti tal-awtorizzazzjoni bħala istituzzjoni ta' kreditu.

52. Meta jiġi vvalutat jekk l-espressjoni speċifika "fondi ripagabbli oħra" hijiex issodisfata, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirreferu għal "strumenti finanzjarji li għandhom il-karatteristika intrinsika tal-ħlas lura" kif ukoll "dawk li, għalkemm ma għandhomx dik il-karatteristika, huma s-suġġett ta' ftehim kuntrattwali biex jitħallsu lura l-fondi mħallsa"[7]. Huma għandhom iqisu wkoll li tali kunċett għandu jinkludi bonds u titoli komparabbli oħra bħal

[7] Il-Qorti tal-Ġustizzja, 12 ta' Frar 1999, C-366/97, *Romanelli*.

ċertifikati negozjabbli (mhux nominattivi) ta' depożitu, dment li dawn jinħarġu kontinwament mill-istituzzjoni ta' kreditu[8].

53. Meta jivvalutaw jekk id-depożiti jew fondi ripagabbli oħra jittiħdux "mingħand il-pubbliku", l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffokaw b'mod partikolari fuq jekk "depożiti jew fondi ripagabbli oħra" jiġux riċevuti bħala negozju minn persuni ġuridiċi jew fiżiċi għajr l-istituzzjoni ta' kreditu.

54. Meta jivvalutaw jekk l-espressjoni "tagħti kreditu" hijiex issodisfata, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffokaw b'mod partikolari fuq jekk l-istituzzjoni ta' kreditu applikanti hijiex ser tikkonkludi ftehimiet għall-għoti ta' somma ta' flus għal skop speċifikat jew mhux speċifikat, għal perijodu ta' żmien li għandu jiġi miftiehem, u li għandha titħallas lura f'konformità mal-kundizzjonijiet miftiehma, li normalment jipprevedu rimunerazzjoni. Fir-rigward speċifiku tal-espressjoni "f'isimha stess", l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni ta' kreditu applikanti tipprevedix li tkun il-kreditur tal-finanzjament mogħti.

55. Bħala parti mill-valutazzjoni għall-għoti tal-awtorizzazzjoni bħala istituzzjoni ta' kreditu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw ukoll jekk l-għoti ta' awtorizzazzjoni bħala istituzzjoni ta' kreditu huwiex meħtieġ mis-sitwazzjoni sottostanti u ċ-ċirkostanzi attwali tal-istituzzjoni ta' kreditu applikanti. Huma għandhom jivvalutaw l-adegwatezza u l-ħtieġa tal-awtorizzazzjoni bħala istituzzjoni ta' kreditu, filwaqt li jqisu l-attivitajiet li l-istituzzjoni ta' kreditu applikanti biħsiebha twettaq.

56. Fejn, abbażi tal-informazzjoni sottomessa mal-applikazzjoni, ma jkunx kompletament ċar li t-twettiq ta' negozju bħala istituzzjoni ta' kreditu jkun l-intenzjoni kummerċjali attwali tal-istituzzjoni ta' kreditu applikanti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iżidu l-livell ta' skrutinju tal-applikazzjoni. Dan huwa il-każ partikolarment fejn jidentifikaw konformità limitata jew formali mal-komponenti individwali tad-definizzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu.

F'ċirkostanzi bħal dawn l-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżaminaw ir-raġunijiet kummerċjali addizzjonali possibbli tal-istituzzjoni ta' kreditu applikanti li jappoġġaw is-sottomissjoni tal-applikazzjoni, bħall-benefiċċji li jirriżultaw mill-istatus ta' istituzzjoni ta' kreditu f'termini ta' reputazzjoni, aċċess għal sistemi ta' pagament u saldu u finanzjament orħos. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, fost affarijiet oħra, jagħmlu enfasi partikolari fuq il-livell ta' riskju tal-attivitajiet maħsuba u l-vijabbiltà tal-mudell kummerċjali, filwaqt li jqisu wkoll, fost affarijiet oħra, l-effetti negattivi potenzjali fuq l-iskemi ta' garanzija tad-depożiti u l-ammont u l-kwalità tal-kollateral maħżun fil-banek ċentrali.

## 5.2 Kamp ta' applikazzjoni tal-awtorizzazzjoni

[8] Il-premessa 14 tas-CRD taqra "L-ambitu tal-miżuri li jikkoordinaw is-superviżjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu għalhekk għandu jkun kemm jista' jkun wiesa', u jkopri l-istituzzjonijiet kollha li n-negozju tagħhom huwa li jirċievu fondi ripagabbli mill-pubbliku, kemm fil-forma ta' depożiti jew *f'forom oħrajn bħall-ħruġ kontinwu ta' bonds u titoli oħrajn komparabbli* [...]" (enfasi miżjuda).

57. Fin-nuqqas ta' kamp ta' applikazzjoni uniformi ta' awtorizzazzjoni stabbilit fid-dritt tal-UE, sistemi differenti jistgħu jkunu fis-seħħ fil-livell nazzjonali. Għaldaqstant, fejn ikun hemm fis-seħħ sistemi ta' "awtorizzazzjoni universali", l-awtorizzazzjoni tkopri l-attivitajiet kollha elenkati fl-Anness I tas-CRD u f'konformità mal-liġi nazzjonali.

58. Min-naħa l-oħra, fejn tali "awtorizzazzjoni universali" ma tkunx fis-seħħ, l-awtorizzazzjoni tinħareġ fuq bażi ta' attività b'attività u tkopri biss l-attivitajiet speċifiċi li għalihom tingħata l-awtorizzazzjoni. Fil-każ tal-aħħar, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jaġġornaw il-valutazzjoni tagħhom dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-awtorizzazzjoni maħruġa qabel kull meta l-istituzzjoni ta' kreditu tapplika biex testendi n-negozju tagħha għal attivitajiet li mhumiex koperti mill-awtorizzazzjoni maħruġa. Tali valutazzjoni għandha titwettaq b'mod konsistenti mal-gwida stabbilita fil-paragrafu 20.

59. Fiż-żewġ każijiet koperti mill-paragrafi 57 u 58, madankollu, l-ambitu tal-valutazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti għandu jkopri l-attivitajiet kollha previsti fil-programm tal-operazzjonijiet.

# 6. CAM għal awtorizzazzjoni bħala istituzzjoni ta’ kreditu skont l-ittra (b) tal-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tas-CRR

60. Skont l-Artikolu 8a tas-CRD, l-impriżi li jissodisfaw waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (1), ittra (b), (i)–(iii) tal-Artikolu 4(1) tas-CRR iridu japplikaw għal awtorizzazzjoni bħala istituzzjoni ta’ kreditu.

61. Għal dak il-għan, l-impriżi kkonċernati jridu jissottomettu applikazzjoni lill-awtorità kompetenti f’konformità mar-rekwiżiti ta’ informazzjoni stabbiliti fl-*RTS 2020/11* tal-EBA (*informazzjoni għall-awtorizzazzjoni* skont l-Artikolu 8a(6)(a) CRD[9]).

62. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrevedu din l-informazzjoni fid-dawl tar-rekwiżiti tal-verità, iċ-ċarezza, il-preċiżjoni u l-kompletezza u bil-ħsieb li jiżguraw il-ġestjoni soda u prudenti tal-istituzzjoni ta’ kreditu. Abbażi tal-valutazzjoni, huma jistgħu jirrikjedu wkoll informazzjoni jew kjarifika supplimentari skont l-Artikolu 1(5) tal-EBA *RTS 2020/11 (informazzjoni għall-awtorizzazzjoni* skont l-Artikolu 8a(6)(a) tas-CRD).

63. Biex jirrieżaminaw u jivvalutaw l-applikazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li japplikaw it-taqsimiet kollha ta’ dawn il-Linji Gwida sa fejn ikun rilevanti, filwaqt li jqisu l-karatteristiċi speċifiċi tal-applikant. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-istabbiliment f’din it-taqsima ta’ kriterji ta’ valutazzjoni addizzjonali li jieħdu f’kunsiderazzjoni l-ispeċifiċitajiet tal-applikant skont il-punt (1), l-ittra (b) tal-Artikolu 4(1) tas-CRR.

64. Bil-ħsieb li l-valutazzjoni tiġi ssimplifikata skont l-Artikolu 8a(5) tas-CRD, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw mal-awtorità kompetenti indikata fl-Artikolu 67 tad-Direttiva 2014/65/UE (MiFID2). B’mod partikolari, għall-finijiet tal-iffurmar tal-valutazzjoni tagħhom stess dwar il-konformità tal-applikant mal-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni bħala istituzzjoni ta’ kreditu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-valutazzjoni pprovduta mill-awtorità kompetenti indikata fl-Artikolu 67 tal-MiFID2, relatata mal-konformità kontinwa tal-applikant mal-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni skont il-MiFID.

65. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjoni ta’ kreditu applikanti tkun konformi mar-rekwiżiti prudenzjali applikabbli mill-ewwel jum ta’ aċċess għas-suq bħala istituzzjoni ta’ kreditu awtorizzata. L-awtoritajiet kompetenti għandhom għalhekk jikkalibraw b’mod xieraq l-intensità tal-valutazzjoni tagħhom fir-rigward ta’ dawk l-applikanti li, qabel l-applikazzjoni, kienu soġġetti għal rekwiżiti prudenzjali għajr dawk applikabbli għall-istituzzjonijiet ta’ kreditu.

[9] EBA RTS/2020/11 tas-16 ta’ Diċembru 2020, Abbozz ta’ standards tekniċi regolatorji relatati mal-implimentazzjoni ta’ reġim prudenzjali ġdid għad-ditti tal-investiment dwar: - l-informazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu skont il-punt (a) tal-Artikolu 8a(6) tad-Direttiva 2013/36/UE […]. https://eba.europa.eu/regulation-and-policy/investment-firms/regulatory-technical-standards-prudential-requirements-investment-firms

66. Għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li japplikaw il-metodoloġija stabbilita fit-taqsima 7 sa fejn applikabbli. Barra minn hekk, huma għandhom iqisu l-ispeċifiċitajiet tal-mudell kummerċjali tal-istituzzjoni ta' kreditu applikanti, filwaqt li jqisu b'mod partikolari l-karatteristiċi tal-mudell tad-dħul li jiġġenera d-dħul, l-istruttura ta' finanzjament u r-riskji speċifiċi li dan il-mudell ta' negozju huwa jew jista' jkun espost għalihom.

# 7. Analiżi tal-pjan ta’ direzzjoni tan-negozju

## 7.1 Kriterji ġenerali

67. Il-valutazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-pjan ta’ direzzjoni tan-negozju għandha tkun ibbażata fuq id-dokumenti u l-informazzjoni rilevanti sottomessi mill-istituzzjoni ta’ kreditu applikanti, b’mod partikolari skont l-Artikolu 4, l-ittri (a) sa (h), u l-Artikolu 5(1)(a) tal-RTS *dwar l-informazzjoni għall-awtorizzazzjoni*, tiffoka fuq il-mudell tan-negozju, l-istrateġija u l-profil tar-riskju tal-istituzzjoni ta’ kreditu applikanti, u timmira li tifforma opinjoni dwar il-vijabbiltà u s-sostenibbiltà tal-mudell tan-negozju tagħha u l-kapaċità tagħha li tikkonforma mar-rekwiżiti prudenzjali fi ħdan il-perjodu tal-ippjanar.

68. B’mod konsistenti mal-paragrafu 13, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-esponiment għar-riskji ML/FT li jirriżultaw mill-pjan ta’ direzzjoni tan-negozju tal-istituzzjoni ta’ kreditu applikanti. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom b’mod partikolari jivvalutaw jekk is-setturi, l-attivitajiet, il-prodotti, il-klijenti fil-mira, il-ġeografija u l-kanali ta’ distribuzzjoni jippreżentawx livell ogħla ta’ riskju ta’ ML/TF.

69. B’mod konsistenti mal-prinċipji stabbiliti fil-paragrafi 15 u 16, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li joqogħdu lura milli jindikaw preferenzi għal mudelli ta’ negozju speċifiċi u jkunu newtrali fir-rigward tal-ħtiġijiet tan-negozju tal-ġurisdizzjoni tagħhom.

70. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkalibraw l-intensità tal-valutazzjoni tagħhom fid-dawl tal-kriterji tal-proporzjonalità stabbiliti fil-paragrafu 18.

71. Bħala kriterju ġenerali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu l-valutazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva tal-pjan ta’ direzzjoni tan-negozju abbażi tal-ġudizzju espert tagħhom. Sabiex jiġi żgurat trattament ugwali u konsistenza interna, il-ġudizzju espert għandu jkun ibbażat fuq il-kriterji u l-metodoloġija stabbiliti f’dawn il-Linji Gwida, u b’mod partikolari f’din it-taqsima 7.

72. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 71, sabiex jappoġġaw il-valutazzjoni tal-pjan ta’ direzzjoni tan-negozju u sa fejn ikun xieraq u fattibbli, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu wkoll iwettqu tqabbil bejn il-pari skont il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 99.

73. Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità superviżorja bejn il-fażi tal-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni kontinwa tal-istituzzjoni ta’ kreditu applikanti, l-analiżi u l-eżitu tal-valutazzjoni tal-pjan ta’ direzzjoni tan-negozju mwettqa għall-finijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jiġu kondiviżi fi ħdan l-awtorità kompetenti, inkluż għall-fini tal-monitoraġġ ta’ kwalunkwe miżura ta’ mitigazzjoni, fil-forma ta’ kundizzjonijiet preċedenti, obbligi sussegwenti jew restrizzjonijiet kif imsemmi fit-taqsima 4.2, paragrafi 25–32, li l-awtorità kompetenti setgħet applikat fil-kuntest tal-valutazzjoni għall-għoti tal-awtorizzazzjoni.

## 7.2 Valutazzjoni tal-metodoloġija

### 7.2.1 Strateġija kummerċjali

74. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu rieżami kwalitattiv tal-istrateġija tan-negozju tal-istituzzjoni ta' kreditu applikanti sabiex jiksbu ħarsa ġenerali tat-tipi ta' attivitajiet li biħsiebha twettaq, id-distribuzzjoni ġeografika tagħhom, il-kredibbiltà tas-suppożizzjonijiet sottostanti u l-profil tar-riskju assoċjat tal-istituzzjoni ta' kreditu applikanti.

75. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiksbu stampa ċara dwar:

(a) it-tipi ta' attivitajiet li l-istituzzjoni ta' kreditu applikanti biħsiebha tieħu, inkluża l-identifikazzjoni tal-linji ta' negozju prinċipali u mhux prinċipali u tat-tipi ta' klijenti fil-mira. Din l-analiżi għandha tkun funzjonali biex tiddetermina l-attivitajiet koperti mill-awtorizzazzjoni, jew, b'mod konsistenti mal-paragrafu 58, il-kamp ta' applikazzjoni tal-awtorizzazzjoni, kif ukoll, skont il-każ, id-disponibbiltà ta' reġimi ta' awtorizzazzjoni xierqa oħra. Ir-rieżami għandu jipprovdi wkoll lill-awtorità kompetenti b'fehim tal-profil tar-riskju assoċjat, inkluż ir-riskju ta' ML/TF, u l-impatt fuq ir-rekwiżiti kapitali, il-likwidità u l-ħtiġijiet ta' finanzjament kif ukoll fuq l-arranġamenti ta' governanza interna.

(b) id-distribuzzjoni ġeografika tal-attivitajiet, inkluż l-eżerċizzju previst tagħhom permezz ta' sussidjarji u fergħat jew permezz tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi fl-UE jew f'pajjiż terz, u l-espansjoni futura ppjanata. B'mod partikolari fejn il-mudell tan-negozju jipprevedi l-użu ta' soluzzjonijiet diġitali, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jivvalutaw jekk l-attivitajiet transfruntiera ppjanati jaqgħux taħt il-"libertà li jiġu pprovduti servizzi" jew id-"dritt tal-istabbiliment". L-analiżi għandha tappoġġa, fost affarijiet oħra, il-fehim tal-awtoritajiet kompetenti tal-ħtieġa għal kwalunkwe rekwiżit regolatorju ulterjuri biex jinkiseb aċċess għas-swieq fil-mira (eż. notifika ta' passaport), kwalunkwe riskju regolatorju relatat, u r-raġunament kummerċjali jew finanzjarju għall-istruttura korporattiva u d-distribuzzjoni ġeografika previsti. Dan għandu jkun appoġġat ukoll mill-analiżi tar-riskju ta' ML/TF assoċjat ma' ġurisdizzjoni, imwettqa fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-istruttura operazzjonali. Meta istituzzjoni ta' kreditu applikanti jkollha l-intenzjoni li twettaq parti kbira mill-attivitajiet tagħha barra mill-ġurisdizzjoni fejn tkun issottomettiet l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni, l-awtorità kompetenti, skont il-premessa (16) tas-CRD, għandha tivvaluta jekk l-għażla tal-ġurisdizzjoni tal-applikazzjoni għandhiex l-għan li tevita standards regolatorji aktar stretti (eż. fir-rigward tar-reġim tal-AML/CFT) fis-seħħ fi Stat Membru ieħor.

(c) l-istrateġija ġenerali, li tesplora r-raġunament tan-negozju tal-istituzzjoni ta' kreditu applikanti, kif ukoll l-istrateġija ġenerali tal-grupp meta l-applikant jappartjeni għal grupp. Dan jinkludi fehim xieraq tal-għanijiet strateġiċi, il-motivaturi ewlenin tan-negozju, kwalunkwe vantaġġ kompetittiv identifikat, l-objettivi kwantitattivi u kwalitattivi tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju, inkluż il-prodott jew is-servizz tal-kumpanija, il-propożizzjoni tal-valur, u l-pożizzjonament tas-suq.

76. Fir-rigward speċifiku ta' mudelli ta' negozju innovattivi u/jew mekkaniżmi ta' twassil, l-awtoritajiet kompetenti għandhom joqogħdu attenti wkoll għad-deskrizzjoni tal-karatteristiċi innovattivi tas-servizzi u l-prodotti previsti, inkluż kwalunkwe esponiment miżjud potenzjali għar-riskju ta' ML/TF. F'konformità mal-approċċ ibbażat fuq il-proporzjonalità u r-riskju, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkunsidraw li jirrieżaminaw l-ispjegazzjoni sottostanti tal-attraenza tal-prodott il-ġdid, l-ipprezzar tal-prodotti, l-istruttura u l-vantaġġ komparattiv. Tali rieżami għandu jiġi kkoordinat u kkomplementat bl-analiżi tas-suq fil-mira kif deskritt fit-taqsima 7.2.3, u l-impatt potenzjali tal-indikaturi ewlenin esterni fuq l-istrateġija tan-negozju.

77. Fehim ċar tal-istrateġija tan-negozju ppjanata se jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jivvalutaw l-istrateġija ta' finanzjament relatata, il-fatturi esterni u interni rilevanti biex jinkisbu l-għanijiet strateġiċi u l-plawżibbiltà tas-suppożizzjonijiet kwantitattivi. B'mod ġenerali, il-valutazzjoni għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti b'ħarsa lejn il-punti b'saħħithom, id-dgħufijiet, l-opportunitajiet u r-riskji tal-istrateġija tan-negozju.

### 7.2.2 Struttura ta' finanzjament, valutazzjoni u ġestjoni tal-likwidità

78. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiksbu stampa ċara dwar is-sorsi ppjanati biex jiffinanzjaw l-attivitajiet tan-negozju ppjanati, inkluż is-sors(i) tal-ammont inizjali tal-kapital. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrieżaminaw l-informazzjoni sottomessa mill-istituzzjoni ta' kreditu applikanti (b'mod partikolari skont l-Artikolu 4 tal-RTS dwar l-informazzjoni għall-awtorizzazzjoni) biex jivvalutaw il-profil tal-likwidità u l-istruttura tal-obbligazzjonijiet, b'enfasi speċjali fuq il-kredibbiltà tas-suppożizzjonijiet sottostanti. Fir-rigward tal-istruttura tal-obbligazzjonijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw is-sorsi differenti ta' finanzjament (tipi ta' obbligazzjonijiet, strumenti u kontropartijiet), il-kostijiet relatati, l-opzjonijiet inkorporati u l-maturitajiet kuntrattwali u komportamentali tagħhom. Stampa ċara dwar il-profil tal-likwidità u l-istruttura tal-obbligazzjonijiet se tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jivvalutaw il-projezzjonijiet għal-likwidità regolatorja u l-proporzjonijiet ta' finanzjament bħal-LCR[10] u l-NSFR[11], filwaqt li jqisu wkoll l-iżvilupp tagħhom matul il-perjodu ta' ppjanar minħabba ż-żieda gradwali fl-attivitajiet tan-negozju u l-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' finanzjament (eż. l-attrazzjoni gradwali tad-depożituri) fil-fażi tat-twaqqif. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu wkoll li, filwaqt li fl-ewwel sena tal-attivitajiet, il-maġġoranza tas-sorsi disponibbli ta' finanzjament normalment ikunu stabbli (eż. kapital tas-sehem) u l-proporzjon ta' assi likwidi jkun għoli, l-iżvilupp tal-proporzjonijiet regolatorji jista' jvarja skont l-attivitajiet tan-negozju ppjanati u l-istrateġija ta' finanzjament relatata tal-applikant.

79. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu valutazzjoni aktar intensa, inklużi mistoqsijiet dettaljati relatati ma' xenarji alternattivi potenzjali, jekk l-istruttura ta' finanzjament turi livelli għoljin ta' konċentrazzjoni jew profil ta' finanzjament żbilanċjat (eż. spariġġ eċċessiv fil-maturità).

[10] Ara r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità għall-Istituzzjonijiet ta' Kreditu

[11] Ara t-Titolu IV – Parti Sitta tas-CRR (introdotta fis-CRR II).

80. L-ispejjeż tal-finanzjament għandhom jiġu vvalutati fil-kuntest tal-valutazzjoni tat-tbassir finanzjarju (ara 7.2.5) bħala parti mill-profitt u t-telf tal-istituzzjoni ta' kreditu applikanti u, fejn fattibbli u xieraq, għandhom jitqabblu mal-pari. Barra minn hekk, is-suppożizzjonijiet sottostanti – b'mod partikolari r-rati tal-imgħax ippjanati – għandhom jiġu vvalutati fl-isfond tal-ambjent tan-negozju u makroekonomiku.

81. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrieżaminaw l-informazzjoni sottomessa, b'mod partikolari kif stabbilit fl-Artikolu 4, ittra (g), n. (ii) sa (v)[12] tal-*RTS dwar l-informazzjoni għall-awtorizzazzjoni*, sabiex tiġi vvalutata l-kapaċità tal-istituzzjoni ta' kreditu applikanti li tiffinanzja, timmonitorja, taġġorna u tirrapporta l-pożizzjoni tal-likwidità tagħha u l-bafers relattivi, f'konformità mal-ħtiġijiet tagħha[13].

82. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrieżaminaw l-informazzjoni sottomessa b'mod partikolari kif stabbilit fl-Artikolu 4, ittra a) n. (v)[14] tal-*RTS dwar l-informazzjoni għall-awtorizzazzjoni*, bil-għan li jiġi vvalutat l-istat ta' tħejjija ġenerali tal-proċess ta' valutazzjoni interna tal-adegwatezza tal-likwidità, b'kont meħud, pereżempju, tal-aspetti li ġejjin:

(a) governanza tal-likwidità. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiksbu fehim ċar tal-kapaċità effettiva tal-istituzzjoni biex timmaniġġja l-likwidità tagħha, inkluż jekk il-funzjonijiet rispettivi għandhomx biżżejjed riżorsi biex jiżguraw ġestjoni tajba tal-likwidità u humiex kapaċi jikkalkulaw l-NSFR u l-LCR. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiksbu wkoll fehim ċar tal-linji ta' rapportar stabbiliti biex jiddiskutu r-riskji tal-likwidità u r-riskji relatati tal-istituzzjoni, inkluż il-kontenut maħsub u l-frekwenza tar-rapporti lill-korp ta' ġestjoni, lill-maniġment superjuri u lill-kumitati rilevanti (jekk applikabbli) sabiex jiġi stabbilit li jistgħu jiddiskutu u jikkontestaw il-kwistjonijiet rilevanti;

(b) l-istrateġija ta' finanzjament u l-ippjanar tal-likwidità. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiksbu fehim ċar tal-kapaċità tal-istituzzjoni ta' kreditu li tfassal xenarji, inkluż l-ittestjar tal-istress u l-pjanijiet ta' finanzjament ta' kontinġenza;

(c) il-qafas ta' kontrolli interni tal-likwidità. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiksbu fehim ċar tal-proċessi previsti ta' rieżami, validazzjoni u sostanzjar b'evidenza (eż. rapporti, evidenza ta' kontroll).

83. B'mod konsistenti mal-approċċ tal-proporzjonalità stabbilit fil-paragrafu 70, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-kapaċità u l-istat tat-tħejjija tal-istituzzjoni ta' kreditu applikanti biex tiflaħ għall-istress tal-finanzjament. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti

---

[12] L-Artikolu 4, ittra (g) tal-*RTS dwar l-informazzjoni għall-awtorizzazzjoni* jipprovdi li l-applikazzjoni għandha tistabbilixxi "deskrizzjoni tal-oqfsa u l-politiki li ġejjin tal-istituzzjoni ta' kreditu applikanti: [...] (b) politika ta' ġestjoni tar-riskju tal-likwidità; (c) il-konċentrazzjoni tal-finanzjament u l-politika ta' diversifikazzjoni; (d) politika ta' ġestjoni tal-kollateral; (e) politika ta' depożitu".

[13] Ara t-taqsima 9.4, Qafas ta' kontroll intern.

[14] L-Artikolu 4, ittra (h) tal-*RTS dwar informazzjoni għall-awtorizzazzjoni* jipprovdi li "L-applikazzjoni għandha tistabbilixxi dan kollu li ġej dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni ta' kreditu applikanti: [...] sommarju tal-valutazzjoni interna dwar l-adegwatezza tal-likwidità, f'livelli kkonsolidati, subkonsolidati u individwali kif applikabbli, li juri li r-riżorsi tal-likwidità tal-istituzzjoni ta' kreditu ser ikunu adegwati biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-likwidità individwali tagħha; [...]".

għandhom janalizzaw l-impatt tal-finanzjament ippreżentat u x-xenarju ta’ stress tal-likwidità, bħal żieda fil-kostijiet tal-finanzjament, fuq il-proporzjonijiet tal-likwidità u tal-finanzjament.

84. Fejn rilevanti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li d-deskrizzjoni ppreżentata tal-proċess rilevanti għat-tħejjija tal-pjan ta’ rkupru tkopri l-indikaturi tal-likwidità u tal-finanzjament.

85. Fil-valutazzjoni tar-riskji għal-likwidità u l-finanzjament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw il-konformità futura tal-istituzzjoni ta’ kreditu applikanti mar-rekwiżiti minimi pprovduti mil-leġiżlazzjoni ta’ implimentazzjoni tal-UE u nazzjonali rilevanti. Madankollu, il-kamp ta’ applikazzjoni tal-valutazzjoni jista’ jiġi estiż lil hinn minn dawk ir-rekwiżiti minimi, bil-għan li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jitolbu riżorsi ta’ likwidità ogħla mill-istituzzjoni ta’ kreditu applikanti sabiex jikkumpensaw għal riskji u inċertezzi mhux identifikati.

### 7.2.3 Fatturi esterni ewlenin inkluż l-ambjent tan-negozju

86. Biex jiffurmaw opinjoni dwar il-plawżibbiltà tas-suppożizzjonijiet strateġiċi ta’ istituzzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikopru l-fatturi esterni ewlenin tal-pjan ta’ direzzjoni tan-negozju, inkluż l-ambjent tan-negozju, bħala parti mill-valutazzjoni ġenerali tagħhom, skont il-kriterji indikati hawn taħt.

87. B’mod konsistenti mal-approċċ tal-proporzjonalità stabbilit fil-paragrafu 70, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrieżaminaw il-ħarsa ġenerali tal-analiżi tas-swieq fil-mira sottomessa mill-istituzzjoni ta’ kreditu applikanti bil-għan li jinkiseb fehim xieraq tal-ambjent tan-negozju eżistenti, filwaqt li jitqiesu l-attivitajiet tal-atturi ewlenin eżistenti u l-kompetituri prospettivi fis-suq (swieq) fil-mira, u tal-iżvilupp probabbli tal-ambjent tan-negozju.

88. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrieżaminaw l-analiżi tax-xejriet fis-suq fil-mira li jista’ jkollhom impatt fuq il-prestazzjoni u l-profittabbiltà tal-istituzzjoni. Dawn jistgħu jinkludu, fuq bażi ta’ każ b’każ, xejriet regolatorji u makroprudenzjali (eż. bidliet fil-leġiżlazzjoni dwar id-distribuzzjoni tal-prodotti bankarji għall-konsumatur jew bidliet fil-proporzjonijiet massimi tas-self mal-valur permessi għall-ipoteki), xejriet teknoloġiċi (eż. ċaqliq lejn pjattaformi elettroniċi għal ċerti tipi ta’ negozjar) u xejriet soċjetali/demografiċi (eż. il-kompożizzjoni tal-klijenti, il-bdil tal-prodotti bħala riżultat ta’ xejriet tas-suq li qed jinbidlu, domanda akbar għal faċilitajiet bankarji Iżlamiċi).

89. Fejn xieraq u fuq analiżi każ b’każ, referenza għal atturi eżistenti u kompetituri potenzjali tista’ tinkludi, flimkien ma’ istituzzjonijiet finanzjarji eżistenti, kumpaniji tat-teknoloġija globali li jespandu fis-servizzi finanzjarji. Tali analiżi għandha titwettaq ukoll f’koordinazzjoni mar-rieżami tas-suq fil-mira, inkluż l-impatt ta’ tali kompetituri fuq l-istituzzjoni ta’ kreditu applikanti, pereżempju fuq il-kummerċjalizzazzjoni diretta tal-konsumatur.

### 7.2.4 Fatturi interni ewlenin

90. B'mod konsistenti mal-approċċ proporzjonat stabbilit fil-paragrafu 71 u fuq bażi ta' każ b'każ, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu analiżi tal-karatteristiċi kwalitattivi tal-mudell kummerċjali previst tal-istituzzjoni ta' kreditu applikanti biex jifhmu l-ixprunaturi tas-suċċess u d-dipendenzi ewlenin tagħha fil-formazzjoni tal-opinjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu applikanti.

91. F'dan ir-rigward, l-oqsma għall-analiżi mill-awtoritajiet kompetenti għandhom jinkludu l-fatturi endoġeni ewlenin li jinfluwenzaw is-suċċess tal-mudell tan-negozju, bħall-qawwiet previsti tal-istituzzjoni ta' kreditu applikanti fir-relazzjonijiet mal-klijenti, il-fornituri u s-sħab, il-kwalità tal-pjattaformi tal-IT u l-kapaċità operazzjonali u tar-riżorsi, kif ukoll fatturi bħal fornituri terzi, intermedjarji, esponiment potenzjali għar-riskju ta' ML/TF u motivaturi regolatorji speċifiċi.

92. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ukoll jekk il-previżjonijiet finanzjarji jaqblux mal-istrateġija tan-negozju stabbilita fil-pjan, jekk hemmx pjan ċar lejn l-implimentazzjoni u l-kapaċità li jitwettaq u jiġi implimentat il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju. F'dan l-aħħar rigward, ir-rieżami tal-awtoritajiet kompetenti għandu jqis ukoll il-valutazzjoni tal-kapaċità professjonali tal-maniġment fuq bażi kontinwa, inkluż fir-rigward tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju u l-bidliet tiegħu maż-żmien, u d-disponibbiltà ta' riżorsi umani suffiċjenti biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-istrateġija tan-negozju. Biex jappoġġjaw din il-valutazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-esperjenza professjonali preċedenti tal-membri tal-korp ta' ġestjoni.

### 7.2.5 Tbassir finanzjarju

93. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu rieżami kwantitattiv tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju tal-istituzzjoni ta' kreditu applikanti li jiffoka fuq it-tbassir finanzjarju sottomess, kemm għall-każ ta' bażi kif ukoll għax-xenarju ta' stress – b'kunsiderazzjoni tad-distribuzzjoni ġeografika, it-tipi ta' attivitajiet u l-pożizzjoni fis-suq fil-livell individwali u, fejn applikabbli, tal-grupp konsolidat jew subkonsolidat (l-Artikolu 4, l-ittra (a ) tal-*RTS dwar l-informazzjoni għall-awtorizzazzjoni* [15] ). L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrevedu wkoll il-pożizzjonijiet finanzjarji (eż. ibbażati fuq il-karta tal-bilanċ), ir-riskju (eż. ibbażat fuq l-ammont totali tal-esponiment għar-riskju, "TREA", jew miżuri oħra ta' riskju) u/jew restrizzjonijiet organizzattivi u/jew statutorji.

94. L-għan tar-rieżami kwantitattiv tal-previżjonijiet finanzjarji tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju għandu jkun li jivvaluta l-kredibbiltà tas-suppożizzjonijiet sottostanti (fir-rigward tat-tkabbir tan-negozju, il-ġenerazzjoni tad-dħul, l-istima tal-ispejjeż u r-riskji sottostanti), tal-vijabbiltà u s-sostenibbiltà tal-mudell kummerċjali tal-applikant u tal-kapaċità ġenerali tiegħu li jikseb ir-riżultati pproġettati f'konformità mar-rekwiżiti prudenzjali kemm fil-każ ta' bażi kif ukoll fix-xenarju ta' stress.

[15] L-Artikolu 4, ittra (a) tal-RTS dwar l-informazzjoni għall-awtorizzazzjoni jipprevedi li l-applikazzjoni għandha tistabbilixxi "informazzjoni ta' tbassir dwar l-istituzzjoni ta' kreditu applikanti f'livell individwali u, fejn applikabbli, fi grupp konsolidat u livelli subkonsolidati (li tindika s-sehem rappreżentat mill-istituzzjoni ta' kreditu), tal-inqas abbażi ta' każ ta' bażi u ta' xenarju ta' stress, inklużi: [..]".

95. Il-valutazzjoni tat-tbassir finanzjarju għandha tirrifletti l-istrateġija tan-negozju mmirata tal-istituzzjoni ta’ kreditu applikanti fir-rigward tal-aktar ġeografiji materjali tal-istituzzjoni ta’ kreditu applikanti, inklużi sussidjarji, fergħat, attivitajiet ipprovduti permezz tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, tipi ta’ attivitajiet, linji tan-negozju u linji ta’ prodotti bbażati fuq il-kontribuzzjoni tal-profitt (eż. abbażi ta’ P&L) u teżamina l-kredibbiltà tas-suppożizzjonijiet kwantitattivi sottostanti (eż. negozju għal kull reġjun, introjtu minn tariffi, għadd ta’ klijenti, kostijiet tal-persunal, suppożizzjonijiet makroekonomiċi, eċċ.).

96. Meta jivvalutaw il-profittabbiltà tal-pjan ta’ direzzjoni tan-negozju, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu attenzjoni speċjali lil dawk l-oqsma tal-istrateġija tan-negozju mmirata li huma l-aktar rilevanti għas-sostenibbiltà futura tal-mudell tan-negozju u s-sopravivenza f’sitwazzjonijiet ta’ stress. Sa fejn ikun possibbli, u fejn xieraq, għandhom iqisu wkoll l-esponiment tal-istituzzjoni ta’ kreditu applikanti għal riskji u vulnerabbiltajiet eżistenti jew ġodda.

97. Għal dawn il-finijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrieżaminaw l-ispjegazzjoni tal-vijabbiltà inizjali tal-istituzzjoni ta’ kreditu u tas-sostenibbiltà tal-mudell kummerċjali fuq perjodu ta’ żmien meħtieġ mill-istituzzjoni ta’ kreditu applikanti biex tilħaq l-istat stabbli, fi kwalunkwe każ fuq perjodu ta’ mill-inqas tliet snin. Fir-rigward tax-xenarju ta’ stress, għandu jkun biżżejjed li l-istituzzjoni ta’ kreditu tkun tista’ tikkonforma mar-rekwiżiti prudenzjali fi tmiem il-perjodu ta’ żmien għall-ippjanar.

98. L-awtoritajiet kompetenti jista’ jkollhom bżonn jivvalutaw pjan ta’ direzzjoni tan-negozju b’perjodu ta’ żmien itwal, pereżempju sa ħames snin. Dan jista’ jkun il-każ, pereżempju, fir-rigward ta’ dawk l-applikanti li ċ-ċiklu tan-negozju tagħhom jiżviluppa fuq ħames snin jew li l-pjanijiet ta’ direzzjoni tan-negozju ta’ tliet snin tagħhom juru dgħufijiet fis-sostenibbiltà. F’każijiet bħal dawn, il-livell ta’ intensità tal-valutazzjoni għandu jiġi kkalibrat skont il-profil tar-riskju tal-pjan ta’ direzzjoni tan-negozju, id-dgħufijiet potenzjali u l-inċertezza marbuta mal-perjodu taż-żmien itwal.

99. Sa fejn ikun possibbli u fejn xieraq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw paragun bejn il-pari rilevanti għall-istituzzjoni ta’ kreditu applikanti. L-awtorità kompetenti għandha tiddetermina l-pari jew il-grupp ta’ pari abbażi tal-prodott rivali/linji tan-negozju li jimmiraw għall-istess sors ta’ profitti/klijenti u tibbaża l-analiżi fuq *data* superviżorja, tas-suq u makroekonomika fil-pussess tal-awtorità kompetenti. F’każijiet bħal dawn, ir-riżultat tal-valutazzjoni li jirriżulta mit-tqabbil bejn il-pari għandu jikkomplementa l-ġudizzju espert tal-awtorità kompetenti. Jekk it-tqabbil bejn il-pari ma jkunx fattibbli, l-awtoritajiet kompetenti għandhom joqogħdu fuq ġudizzju espert.

100. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw li jivvalutaw ix-xejriet u l-proporzjonijiet tal-profittabbiltà, filwaqt li jqisu r-riskji li l-istituzzjoni ta’ kreditu applikanti tipprevedi li tassumi u l-prestazzjoni relattiva meta mqabbla mal-pari. Biex jappoġġaw din il-valutazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirreferu għall-aktar indikaturi komuni tal-profittabbiltà u tar-riskju bħar-redditu fuq l-ekwità, ir-redditu fuq l-assi, il-proporzjon tal-kost għall-introjtu, il-kost

tar-riskju u l-proporzjon ta' ingranaġġ. L-użu ta' indikaturi speċifiċi mill-awtorità kompetenti għandu jirrifletti t-tip u l-livell ta' riskju previst mill-istituzzjoni ta' kreditu applikanti biex tiġġenera profitti (pereżempju istituzzjoni li tiġġenera redditi aktar baxxi u aktar stabbli b'aptit għar-riskju konservattiv tista' tkun aktar sostenibbli minn waħda b'redditi għoljin iżda b'aptit għar-riskju aggressiv ħafna). L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw bir-reqqa r-riskju sottostanti għall-prestazzjoni ekonomika (eż. il-livell ta' riskju tal-assi), filwaqt li jqisu wkoll l-indikaturi aġġustati għar-riskju sa fejn ikun possibbli.

101. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu jiksbu fehim ċar tas-sorsi tal-ġenerazzjoni tal-qligħ u t-telf tal-istituzzjoni (b'mod partikolari tal-motivaturi sottostanti bħall-volumi – l-istokk u l-fluss – u l-prezzijiet/marġnijiet) sabiex jidentifikaw il-motivaturi ewlenin u d-dipendenzi tal-prestazzjoni tan-negozju u l-vulnerabbiltajiet potenzjali. Fejn xieraq fid-dawl tal-approċċ tal-proporzjonalità stabbilit fil-paragrafu 70, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu diżaggregazzjoni tad-dħul/is-sors tal-introjtu sabiex jifhmu jekk is-sorsi ta' dħul mistennija humiex konsistenti mal-istrateġija ġenerali tan-negozju mmirata (it-tip ta' mudell ta' negozju, id-daqs tan-negozju). F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet kompetenti għandhom joqogħdu attenti għal aspettattivi ta' profitt ottimisti żżejjed, relatati pereżempju mar-rata tal-imgħax forward u ma' suppożizzjonijiet oħra rilevanti li jiġġeneraw id-dħul, u l-impatt potenzjali tagħhom fuq l-affidabbiltà u, fl-aħħar mill-aħħar, is-sostenibbiltà tal-projezzjonijiet.

102. B'mod konsistenti mal-prinċipju tal-proporzjonalità stabbilit fil-paragrafu 70, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrevedu l-ipprezzar u l-istruttura tal-prodotti tal-istituzzjoni ta' kreditu applikanti. Għal dan il-għan, tista' tingħata kunsiderazzjoni, pereżempju, lil:

(a) dipendenza fuq sorsi ta' dħul riskjużi jew konċentrati (eż. ipoteki subprime, self finanzjarju ingranat, kreditu tal-konsumatur, gruppi speċifiċi ta' klijenti) u l-effetti tagħha fuq il-mudell tan-negozju, bħal żieda fil-vulnerabbiltà għall-bidliet fl-ambjent tan-negozju (eż. tnaqqis fil-prezz tal-proprjetà immobbli, tnaqqis fid-domanda għall-prodotti ffinanzjati permezz tas-self lill-konsumaturi);

(b) dipendenza fuq sorsi aktar volatili ta' introjtu (eż. introjtu operatorju, introjtu mill-iħħeġġjar jew sorsi oħra mhux rikorrenti) u l-implikazzjonijiet għas-sostenibbiltà fit-tul tad-dħul.

103. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiksbu fehim ċar tad-diversi mudelli ta' dħul (eż. ibbażati fuq l-imgħax (eż. negozju ta' kreditu tal-konsumatur) jew ibbażati fuq id-dħul ta' tariffi (eż. finanzjament tal-kummerċ, ibbankjar korrispondenti, kustodja jew servizzi ta' konsulenza), il-motivaturi speċifiċi tad-dħul, l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u l-livell ta' riskju tal-linji tan-negozju relatati. Fil-każijiet kollha, huma għandhom jiksbu fehim ċar tal-mudell tad-dħul tal-istituzzjoni ta' kreditu applikanti, kif hija tistenna li tiġġenera introjtu kemm f'sitwazzjonijiet ta' żamma tal-istatus quo kif ukoll f'sitwazzjonijiet ta' stress u l-kredibbiltà tas-suppożizzjonijiet sottostanti.

104. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lir-rati għolja ta' tkabbir u s-suppożizzjonijiet tar-riskju assoċjati, inkluż fir-rigward tal-adegwatezza tal-kapaċità ta'

eżekuzzjoni u tal-ġestjoni tar-riskju tal-istituzzjoni ta' kreditu applikanti, biex jappoġġaw il-kisba tal-projezzjonijiet immirati, f'konformità mal-analiżi mwettqa skont il-paragrafu 92. Il-valutazzjoni tal-kredibbiltà tas-suppożizzjonijiet sottostanti għandha titwettaq b'kont meħud ta' diversi elementi, inklużi l-istrateġija ġenerali tan-negozju, l-ipprezzar tal-prodotti, l-ambjent tan-negozju, l-istrateġija ta' finanzjament, it-tolleranza u l-aptit għar-riskju, l-eżistenza ta' politiki mmirati lejn l-iżgurar ta' ġestjoni soda u prudenti, eċċ. B'referenza għas-sostenibbiltà tal-mudell tan-negozju, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiksbu fehim profond tal-istruttura tal-ispejjeż u l-indikaturi rilevanti, pereżempju l-iżvilupp tal-proporzjon tal-kost mal-introjtu fil-mira (assoluti jew relattivi għall-pari) fi tmiem il-perjodu ta' żmien previst għall-ippjanar tal-pjan u f'sitwazzjonijiet ta' stress.

105. L-istruttura tal-kost fil-mira (eż. il-kostijiet lavorattivi, amministrattivi jew tal-IT) għandha tiġi rieżaminata f'termini assoluti u, fejn possibbli u xieraq, meta mqabbla mal-pari, filwaqt li jitqies l-impatt negattiv sinifikanti li s-sottovalutazzjoni ta' ċerti kostijiet, b'mod partikolari matul il-fażi tal-bidu jew f'sitwazzjonijiet ta' stress, jista' jkollha fuq is-sostenibbiltà tal-mudell kummerċjali u/jew l-istrateġija. L-awtoritajiet kompetenti għandhom joqogħdu attenti għall-konċentrazzjonijiet rikorrenti tal-ispejjeż li jistgħu jirriflettu r-riġidità fl-istruttura tal-ispejjeż.

106. Fir-rigward speċifiku ta' mudelli ta' spejjeż, l-istituzzjonijiet ta' kreditu applikanti li jiddependu b'mod sinifikanti fuq mudelli ta' negozju teknoloġikament abilitati x'aktarx li jġarrbu spejjeż marġinali aktar baxxi minn istituzzjonijiet ta' kreditu bi tranżazzjonijiet marbuta ma' spejjeż varjabbli għoljin. B'konsegwenza ta' dan, il-profittabbiltà ta' dawn il-mudelli ta' negozju fil-prinċipju x'aktarx li tiżdied wara li tinkiseb ċerta massa kritika li tassorbi l-kostijiet fissi tal-investiment. L-awtoritajiet kompetenti għandhom għalhekk jikkunsidraw l-infiq ewlieni għal applikanti bħal dawn, bħall-inġinerija jew it-talent tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti u l-investiment fl-infrastruttura.

### 7.2.6 Viżjoni superviżorja ġenerali

107. Abbażi tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju u l-projezzjonijiet finanzjarji pprovduti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżviluppaw il-viżjoni superviżorja ġenerali tagħhom biex jivvalutaw (a) jekk il-mudell tan-negozju tal-istituzzjoni ta' kreditu applikanti huwiex se jkun vijabbli u sostenibbli u (b) jekk l-istituzzjoni ta' kreditu applikanti hijiex se tkun tista' tikkonforma mar-rekwiżiti prudenzjali matul il-perjodu ta' żmien għall-ippjanar. Abbażi tal-ġudizzju espert tal-awtorità kompetenti, l-għan tal-viżjoni superviżorja ġenerali huwa li tifforma valutazzjoni integrata u komprensiva tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju u tal-previżjonijiet finanzjarji u b'mod partikolari tal-kredibbiltà tas-suppożizzjonijiet sottostanti. Il-viżjoni superviżorja għandha tkun ibbażata fuq il-valutazzjoni tal-informazzjoni riċevuta dwar l-istrateġija tan-negozju, l-ambjent tan-negozju (il-pari potenzjali, ix-xejriet tas-suq u fatturi esterni oħra li jistgħu jaffettwaw il-profittabbiltà futura) u fatturi interni ewlenin, u mqabbla mal-viżjonijiet proprji tal-istituzzjoni ta' kreditu applikanti (previżjonijiet finanzjarji, kif spjegat fil-paragrafi 93 sa 106), sabiex tiġi vvalutata l-kredibbiltà ġenerali tagħhom.

108. Abbażi tal-informazzjoni rieżaminata, l-awtorità kompetenti għandha tikkontesta s-suppożizzjonijiet tal-istituzzjoni ta' kreditu applikanti u tiżviluppa l-viżjoni superviżorja tagħha stess. Jekk is-suppożizzjonijiet ma jkunux kredibbli, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiżviluppaw suppożizzjonijiet alternattivi u jwettqu analiżi tas-sensittività biex jiddeterminaw l-impatt kwantitattiv fuq l-oqsma relatati tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju. L-isfida linja b'linja u l-applikazzjoni rispettiva ta' suppożizzjonijiet alternattivi, jekk meħtieġa, se jippermettu lill-awtorità kompetenti tikkwantifika u tivvaluta l-impatt globali tal-analiżi tas-sensittività fuq il-previżjonijiet finanzjarji u fl-aħħar mill-aħħar fuq ir-rekwiżiti prudenzjali l-aktar rilevanti. L-awtorità kompetenti tista' tikkontesta l-każ ta' bażi kif ukoll ix-xenarju ta' każ ta' stress.

109. L-iżvilupp tal-opinjoni superviżorja u l-analiżi tas-sensittività għandhom ikunu soġġetti għall-proporzjonalità kif stabbilit fil-paragrafu 70, meta jitqiesu r-riskju u l-kumplessità relattivi tal-mudell ta' negozju previst. Meta l-opinjoni superviżorja ġenerali tkun differenti mill-fehma tal-applikant, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkunsidraw li jikkondividu osservazzjonijiet speċifiċi mal-istituzzjoni ta' kreditu applikanti, bil-għan li jagħlqu l-lakuna fl-informazzjoni u japprofondixxu l-fehim tas-suppożizzjonijiet magħmula mill-istituzzjoni ta' kreditu applikanti. Id-djalogu superviżorju jista' jwassal għall-preżentazzjoni ta' pjan ta' direzzjoni tan-negozju rivedut u previżjoni finanzjarja mill-istituzzjoni ta' kreditu applikanti, li jirriflettu kwalunkwe miżura ta' rimedju meħtieġa biex jiġu żgurati l-vijabbiltà u s-sostenibbiltà tiegħu u, fl-aħħar mill-aħħar, il-konformità mar-rekwiżiti prudenzjali għall-perjodu ta' żmien tal-ippjanar. F'sitwazzjoni bħal din, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkunsidraw ukoll miżuri ta' mitigazzjoni, fil-forma ta' kundizzjonijiet preċedenti, obbligi sussegwenti jew restrizzjonijiet kif stabbilit fit-taqsima 4.2, il-paragrafi 25–32.

# 8. Kapital

## 8.1 Kriterji ġenerali

110. Id-determinazzjoni tal-livell ta' kapital għandu jkollha l-għan li tiżgura l-konformità tal-istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata mal-fondi proprji u ma' rekwiżiti prudenzjali oħra fiż-żmien tal-awtorizzazzjoni u permezz ta' xenarju ta' stress sever iżda plawżibbli fuq mill-inqas tliet snin.

111. Għall-finijiet tal-għoti tal-awtorizzazzjoni, il-livell ta' kapital għandu jiġi ddeterminat abbażi tal-kapital inizjali u tar-rekwiżiti ta' fondi proprji skont il-metodoloġija stabbilita fit-taqsima 8.2.

112. Għall-finijiet tal-CAM, il-kapital inizjali huwa ammont fiss stabbilit fil-liġi nazzjonali f'konformità mal-Artikolu 12(1)[16] tas-CRD jew mal-Artikolu 12(4)[17] tas-CRD, skont il-każ.

113. Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji huma rekwiżiti kapitali bbażati fuq ir-riskju[18] u bbażati fuq l-ingranaġġ[19] skont it-Titolu I, Parti Tnejn u Tlieta tas-CRR.

114. Irrispettivament mid-differenzi madwar l-UE relatati mal-valur assolut tal-kapital inizjali stabbilit fil-liġi nazzjonali, il-CAM għandha l-għan li tiżgura li l-livell ta' kapital jiġi stabbilit biex jiżgura l-konformità mar-rekwiżiti prudenzjali fl-awtorizzazzjoni fix-xenarju bażi, u matul mill-inqas tliet snin mill-perjodu ta' żmien għall-ippjanar f'xenarju ta' stress sever iżda plawżibbli.

115. Id-determinazzjoni tal-livell ta' kapital fl-awtorizzazzjoni u l-ammont li għandu jitħallas mal-awtorizzazzjoni kif stabbilit fit-taqsima 8.2 u t-taqsima 8.3 ta' hawn taħt huma mingħajr preġudizzju għal rekwiżiti aktar stretti stabbiliti fil-livell nazzjonali.

## 8.2 Determinazzjoni tal-livell tal-kapital

116. Għall-fini tad-determinazzjoni tal-livell tal-kapital, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) jidentifikaw b'mod xieraq ir-riskji (u RWAs relatati) abbażi tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju rieżaminat skont it-taqsima 7.2.6, u jistmaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji (ibbażati fuq ir-riskju u fuq l-ingranaġġ) għal mill-inqas tliet snin (jiġifieri l-fondi proprji meħtieġa biex

---

[16] "Mingħajr preġudizzju għal kondizzjonijiet ġenerali oħrajn stipulati mil-liġi nazzjonali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrifjutaw l-awtorizzazzjoni biex tinbeda l-attività ta' istituzzjoni ta' kreditu, fejn istituzzjoni ta' kreditu ma jkollhiex fondi proprji separati jew fejn l-kapital inizjali tagħha jkun ta' inqas minn EUR 5 miljuni".

[17] "L-Istati Membri jistgħu, jagħtu awtorizzazzjoni lil kategoriji partikolari tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li l-kapital inizjali tagħhom ikun inqas minn dak speċifikat fil-paragrafu 1, soġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-kapital inizjali mhuwiex inqas minn EUR 1 miljun;

(b) l-Istati Membri kkonċernati jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-EBA bir-raġunijiet tagħhom għall-eżerċizzju ta' dik l-opzjoni".

[18] CET1, T1, Rekwiżiti Kapitali Totali.

[19] Proporzjon ta' ingranaġġ.

ikopru l-konformità sħiħa mar-rekwiżiti prudenzjali matul u fi tmiem l-ewwel tliet snin, filwaqt li jitqies it-telf akkumulat mistenni għal dak il-perjodu ta' żmien);

(b) iżidu mal-kapital inizjali t-telf akkumulat mistenni għall-ewwel tliet snin;

(c) jagħżlu l-ogħla minn (a) jew (b)[20].

L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu ssodisfati li l-istima tar-rekwiżiti ta' fondi proprji skont l-ittra a) ta' dan il-paragrafu[21] hija l-ogħla[22] ammont li jirriżulta mix-xenarju tal-każ ta' bażi jew ix-xenarju ta' stress sever iżda plawżibbli[23] tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju rivedut skont it-taqsima 7.2.6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-ammont ogħla identifikat b'dan il-mod jifforma l-bażi għall-kalkolu tal-kapital li l-istituzzjoni ta' kreditu applikanti hija mistennija li jkollha disponibbli fil-mument tal-awtorizzazzjoni kif speċifikat aktar fit-taqsima 8.3. Il-porzjon tal-kapital fl-awtorizzazzjoni li għandu jitħallas qabel il-bidu tal-attivitajiet jiġi ddeterminat skont il-paragrafu 123.

117. Meta l-awtorità kompetenti tkun is-superviżur konsolidat, hija għandha tivvaluta l-impatt mistenni – abbażi tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju rivedut skont it-taqsima 7.2.6 – tal-istituzzjoni ta' kreditu li tkun għadha kif ġiet awtorizzata fuq ir-rekwiżiti kapitali f'livell konsolidat. Għal dan il-għan, l-awtorità kompetenti għandha toqgħod fuq l-analiżi tal-perimetru ta' konsolidazzjoni vvalutat skont il-paragrafu 33.

118. Jekk applikant li jappartjeni għal grupp bankarju japplika għal eżenzjonijiet ta' kapital skont l-Artikoli 7 jew 10 tas-CRR, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkunsidraw, fi ħdan is-setgħat diskrezzjonali tagħhom skont id-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq, il-valutazzjoni tal-eliġibbiltà tal-applikant għall-applikazzjoni tal-eżenzjoni b'mod strett u skrupluż, filwaqt li jitqiesu l-partikolaritajiet tal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni.

119. Meta l-awtorità kompetenti, fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tagħha, tqis lilha nnifisha f'pożizzjoni li twettaq valutazzjoni stretta u skrupluża u tistabbilixxi li l-kundizzjonijiet rilevanti stabbiliti fis-CRR huma ssodisfati u tista' tingħata l-eżenzjoni, u tali eżenzjoni tingħata fiż-żmien tal-awtorizzazzjoni, il-kapital bl-awtorizzazzjoni (u l-pagament relatat) għandu jiġi ddeterminat b'mod konsistenti mal-paragrafi 116–117 filwaqt li titqies l-eżenzjoni.

[20] Il-Figuri 1, 2 u 3 irrappurtati fl-Anness juru l-każijiet li ġejjin: a) il-Figura 1 tipprovdi eżempju tal-każ fejn ir-rekwiżiti ta' fondi proprji jkunu ogħla mill-kapital inizjali u t-telf kumulattiv annwali; b) il-Figura 2 tipprovdi eżempju tal-każ fejn il-kapital inizjali flimkien mat-telf annwali kumulattiv ikunu ogħla mir-rekwiżiti ta' fondi proprji stmati; c) il-Figura 3 tipprovdi eżempju ta' bidla fl-ammont ogħla ta' kapital inizjali u telf u rekwiżiti ta' fondi proprji matul it-tliet snin li huma kkunsidrati li jiddeterminaw il-kapital fl-awtorizzazzjoni.

[21] U t-telf kumulattiv mistenni relatat li ntuża biex jiġi ddeterminat l-ammont taħt l-ittra 116(b) ta' dan il-paragrafu.

[22] F'xi każijiet, huwa x-xenarju bażi tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju aktar milli x-xenarju avvers (it-tnejn ikkontestati kif xieraq mill-awtorità kompetenti, jekk meħtieġ) li jista' jwassal għad-determinazzjoni ta' rekwiżiti ogħla ta' fondi proprji (minħabba, pereżempju, tkabbir tan-negozju aktar b'saħħtu) u bħala konsegwenza għal rekwiżiti kapitali ogħla b'mod ġenerali (inkluża l-komputazzjoni tat-telf mistenni matul it-tliet snin tal-perjodu ta' żmien għall-ippjanar). F'dak il-każ, l-ogħla rekwiżiti ta' fondi proprji stmati fl-ewwel perjodu ta' tliet snin u t-telf akkumulat għall-ewwel tliet snin skont ix-xenarju bażi jiddeterminaw il-kwantità meħtieġa ta' kapital.

[23] Il-kunsiderazzjoni tat-telf ipproġettat fix-xenarju ta' stress għandu jkollha l-għan li tiżgura livell adegwat ta' reżiljenza tal-istituzzjoni ta' kreditu fil-perjodu inizjali tal-attività, anke minħabba l-fatt li l-P2R għadu ma ġiex iddeterminat.

120. Fejn l-awtorità kompetenti tqis li l-eżenzjoni tal-kapital ma tistax tingħata fiż-żmien tal-awtorizzazzjoni, il-livell ta' kapital għandu jiġi ddeterminat mill-awtorità kompetenti skont il-metodoloġija stabbilita fil-paragrafi 116–117. F'każijiet speċifiċi fejn l-awtorità kompetenti tivvaluta li l-eżenzjoni ma tistax tingħata fiż-żmien tal-awtorizzazzjoni, iżda jkun hemm raġunijiet raġonevoli biex jiġi vvalutat li din tista' tingħata fi stadju aktar tard, l-awtorità kompetenti tista' timplimenta miżuri biex jittaffa l-impatt tal-livell ta' kapital mal-awtorizzazzjoni.

## 8.3 Kwalità, ħlas u disponibbiltà tal-kapital

121. L-awtorità kompetenti għandha tivverifika l-adegwatezza tal-kapital iddeterminat skont it-taqsima 8.2 f'konformità mal-kwalità mitluba skont id-dispożizzjonijiet rilevanti stabbiliti fit-Titolu I, Parti Tnejn u Tlieta tas-CRR. B'mod partikolari, skont l-Artikolu 12(2) tas-CRD, il-kapital inizjali huwa magħmul minn "wieħed jew iżjed mill-elementi imsemmija fl-Artikolu 26(1)(a) sa (e) [tas-CRR]".

122. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-kapital tal-istituzzjoni ta' kreditu jkun separat mill-assi tas-sid u jkun disponibbli b'mod sħiħ, immedjat u mingħajr restrizzjonijiet għall-użu uniku tal-istituzzjoni ta' kreditu.

123. Il-porzjon tal-livell tal-kapital li għandu jitħallas kollu qabel l-għoti tal-awtorizzazzjoni huwa l-ogħla minn dawn li ġejjin:

a) il-porzjon tal-kapital iddeterminat skont it-taqsima 8.2 li huwa meħtieġ biex ikopri bis-sħiħ l-ewwel sena ta' attività (jiġifieri l-fondi proprji meħtieġa biex ikopru konformità sħiħa mar-rekwiżiti prudenzjali matul u fl-aħħar tal-ewwel tnax-il xahar, filwaqt li jitqies it-telf mistenni għal dak il-perjodu ta' żmien); jew

b) il-kapital inizjali flimkien mat-telf tal-ewwel sena.

124. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw u jirrieżaminaw permezz ta' evidenza adegwata li l-porzjon tal-kapital imħallas kollu kemm hu skont l-ittri a) jew b) hawn fuq huwa effettivament imħallas kollu, huwa ta' oriġini leġittima u huwa rreġistrat fir-rekords tal-impriża qabel l-għoti tal-awtorizzazzjoni. Sabiex jiġi vvalutat is-sors leġittimu tal-fondi[24], l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-kriterji stabbiliti fil-paragrafi 14.5 u 14.6 tal-*Linji Gwida Konġunti tal-ASE dwar il-valutazzjoni prudenzjali tal-akkwiżizzjoni proposta ta' parteċipazzjonijiet kwalifikanti*[25], relatati mal-attività li ġġenerat il-fondi u l-mezzi li bihom ġew

[24] "Sors tal-fondi" tfisser l-oriġini tal-fondi involuti f'relazzjoni ta' negozju jew tranżazzjoni okkażjonali. Dan jinkludi kemm l-attività li ġġenerat il-fondi użati fir-relazzjoni tan-negozju, pereżempju s-salarju tal-klijent, kif ukoll il-mezzi li permezz tagħhom ġew trasferiti l-fondi tal-klijent. Il-fondi jistgħu jiġu wkoll minn "sors ta' ġid", jiġifieri l-oriġini tal-ġid totali tal-klijent, pereżempju l-wirt jew it-tfaddil, ara l-paragrafu 12, l-ittri (n) u (o) tal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-Fattur tar-Riskju ta' ML/TF, EBA/GL/2021/02 tat-1 ta' Marzu 2021, disponibbli fuq https://www.eba.europa.eu/regulation-and-policy/anti-money-laundering-and-e-money/revised-guidelines-on-ml-tf-risk-factors

[25] JC/GL/2016/01 tal-20 ta' Diċembru 2016 dwar il-valutazzjoni prudenzjali ta' akkwiżizzjonijiet u żidiet ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji kwalifikanti fis-settur finanzjarju, disponibbli fuq: https://eba.europa.eu/regulation-and-policy/other-topics/joint-guidelines-for-the-prudential-assessment-of-acquisitions-of-qualifying-holdings

trasferiti, filwaqt li jitqies jekk dawn jistgħux iwasslu għal riskju akbar ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu.

125. Mingħajr preġudizzju għal dan ta' hawn fuq, f'dawk il-ġurisdizzjonijiet fejn il-porzjon tal-kapital indikat fl-ittri a) jew b) tal-paragrafu 123 jrid jitħallas qabel ma jinbdew l-attivitajiet bħala istituzzjoni ta' kreditu, minflok qabel ma tingħata l-awtorizzazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti, għall-fini tal-għoti tal-awtorizzazzjoni, għandhom jirrieżaminaw bir-reqqa l-pjan u l-iskadenza għall-implimentazzjoni ppreżentati mill-applikant skont l-Artikolu 6(2) *tal-RTS dwar l-informazzjoni għall-awtorizzazzjoni*[26] sabiex jiġi żgurat li tali ammont kapitali jitħallas bis-sħiħ qabel ma jinbdew l-attivitajiet bħala istituzzjoni ta' kreditu u jkun ta' oriġini leġittima.

L-awtorità kompetenti għandha tinkludi kundizzjoni espressa fl-awtorizzazzjoni, li tissospendi l-effetti tal-awtorizzazzjoni tal-inqas sakemm isir il-ħlas attwali tal-porzjonijiet tal-kapital identifikati fiha.

126. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu sodisfatti li l-istituzzjoni ta' kreditu applikanti għandha pjan ta' implimentazzjoni tal-kapital fis-seħħ li jindirizza l-ammont pendenti ta' kapital determinat skont it-taqsima 8.2, li ma jkunx tħallas fiż-żmien tal-awtorizzazzjoni skont il-paragrafi 123 u 124 li jkun maħsub biex ikopri l-attivitajiet tat-tieni u t-tielet sena. Tali pjan ta' implimentazzjoni tal-kapital għandu jindika t-tip ta' sorsi ta' finanzjament u ż-żmien tal-injezzjonijiet ta' kapital sabiex jiġi evitat nuqqas potenzjali li jintlaħqu l-objettivi tan-negozju u tiġrib potenzjali ta' telf li jaffettwa l-konformità mar-rekwiżiti minimi ta' kapital mill-istituzzjoni ta' kreditu. It-tip ta' sorsi ta' finanzjament – bħar-riżorsi finanzjarji privati tal-azzjonisti, l-istrumenti finanzjarji maħruġa jew li għandhom jinħarġu fis-swieq finanzjarji u kwalunkwe ftehim u kuntratt konklużi fir-rigward tal-fondi proprji – għandhom jiġu rieżaminati bir-reqqa bil-għan li jiġi żgurat li huma ta' oriġini leġittima u, abbażi tat-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom, ser ikunu disponibbli minnufih.

[26] "Fejn il-kapital inizjali ma jkunx tħallas kollu fiż-żmien tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni lill-awtorità kompetenti, l-applikazzjoni għandha tistabbilixxi l-pjan previst u l-iskadenza għall-implimentazzjoni biex jiġi żgurat li l-kapital inizjali jitħallas kollu qabel l-awtorizzazzjoni biex tinbeda l-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu".

# 9. Governanza interna

## 9.1 Kriterji ġenerali

127. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu rieżami bir-reqqa u komprensiv tal-arranġamenti, il-proċessi u l-mekkaniżmi relatati mal-governanza interna tal-istituzzjoni ta' kreditu applikanti, filwaqt li jżommu f'moħħhom li skont l-Artikolu 10(2) tas-CRD, fil-każ ta' nuqqas li tintwera ġestjoni tar-riskju soda u effettiva minn dik l-istituzzjoni, l-awtoritajiet kompetenti ikollhom jirrifjutaw l-għoti tal-awtorizzazzjoni.

128. Il-CAM stabbilita hawnhekk għandha l-għan li tiggwida l-valutazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tad-dokumenti ta' applikazzjoni relatati mal-arranġamenti ta' governanza interna, l-istruttura operattiva, il-politiki u l-proċessi. Il-CAM tipprovdi gwida dwar l-elementi u l-aspetti ewlenin li għandhom jiġu vvalutati mill-awtoritajiet kompetenti għall-fini tal-għoti tal-awtorizzazzjoni u hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' partijiet addizzjonali *tal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna (it-tieni reviżjoni)*[27], *il-Linji Gwida tal-EBA u tal-ESMA dwar il-valutazzjoni tal-idoneità tal-membri tal-korp ta' ġestjoni u d-detenturi ta' funzjonijiet ewlenin (riveduti)*[28] , *il-Linji Gwida tal-EBA dwar ir-rimunerazzjoni (riveduti)*[29], *il-Linji Gwida tal-EBA dwar l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni*[30] u *l-Linji Gwida tal-EBA dwar l-ICT u l-ġestjoni tar-riskju tas-sigurtà*[31]. Il-valutazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti għandu jkollha l-għan li tiżgura l-konformità tal-istituzzjoni ta' kreditu mal-*Linji Gwida tal-EBA* msemmija.

129. Għall-finijiet ta' din it-taqsima, u b'mod konsistenti mal-paragrafu 13, il-qafas ta' governanza, b'mod partikolari l-qafas ta' kontroll intern, inkluż il-qafas ta' ġestjoni tar-riskju, ikopri wkoll ir-riskju tal-ML/TF u għandu jiġi vvalutat f'konformità mal-*Linji Gwida tal-EBA dwar il-Fatturi tar-Riskju ta' ML/TF*[32] meta tiġi vvalutata l-adegwatezza tal-politiki u l-proċeduri tal-AML/CFT tal-istituzzjonijiet ta' kreditu applikanti.

130. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiksbu fehim komprensiv ta' kif l-istituzzjoni ta' kreditu hija organizzata u viżjoni ċara dwar il-governanza u l-istruttura operattiva tagħha, kif ukoll arranġamenti, proċessi u mekkaniżmi oħra, li għandhom jitfasslu tajjeb. L-applikant għandu

---

[27] EBA/GL/2021/05 tat-2 ta' Lulju 2021, disponibbli fuq https://www.eba.europa.eu/guidelines-internal-governance-second-revision

[28] EBA/GL/2021/06 tat-2 ta' Lulju 2021, disponibbli fuq https://www.eba.europa.eu/joint-esma-and-eba-guidelines-assessment-suitability-members-management-body-revised

[29] EBA/GL/2021/04 tat-2 ta' Lulju 2021, disponibbli fuq https://www.eba.europa.eu/regulation-and-policy/remuneration/guidelines-on-sound-remuneration-policies-second-revision

[30] EBA/GL/2019/02 tal-25 ta' Frar 2019, disponibbli fuq https://eba.europa.eu/regulation-and-policy/internal-governance/guidelines-on-outsourcing-arrangements

[31] EBA/GL/2019/04 tad-29 ta' Novembru 2019, disponibbli fuq https://eba.europa.eu/regulation-and-policy/internal-governance/guidelines-on-ict-and-security-risk-management

[32] EBA/GL/2021/02 tal-1 ta' Marzu 2021, disponibbli fuq https://www.eba.europa.eu/regulation-and-policy/anti-money-laundering-and-e-money/revised-guidelines-on-ml-tf-risk-factors

jkun mgħammar b'mod adegwat biex jitqies li huwa kapaċi biżżejjed biex iwettaq l-attivitajiet immirati b'mod sod u prudenti.

131. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu sodisfatti li d-dokumenti ta' applikazzjoni jipprevedu arranġamenti, proċessi u mekkaniżmi li juru b'mod adegwat il-preżenza ta' struttura ta' governanza ċara, trasparenti u robusta li tiżgura teħid ta' deċiżjonijiet effettiv u governanza tajba, u li s-setgħat u r-responsabbiltajiet ikunu allokati b'mod ċar fil-livelli kollha tal-organizzazzjoni u fost il-korpi governattivi.

132. L-intensità tal-valutazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tar-rekwiżiti ta' governanza interna għandha tqis il-kriterji tal-proporzjonalità stabbiliti fil-paragrafi 17–21 ta' dawn il-Linji Gwida u l-profil tar-riskju individwali tal-applikant.

133. Il-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq id-dokumenti u l-informazzjoni sottomessi mill-istituzzjoni ta' kreditu applikanti skont, b'mod partikolari, l-Artikolu 1, l-ittra l), l-Artikolu 4, l-ittri (g) u (h) u l-Artikolu 5(1), l-ittri (b) sa (f) tal-*RTS dwar l-informazzjoni għall-awtorizzazzjoni* u kwalunkwe dokument addizzjonali li l-awtorità kompetenti titlob skont l-Artikolu 10(1) ta' dawk l-RTS.

## 9.2 Korp ta' ġestjoni

### 9.2.1 Korp ta' ġestjoni fil-funzjoni ta' ġestjoni u korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja

134. Il-Linji Gwida huma maħsuba li jħaddnu kull struttura ta' bord eżistenti u ma jippromwovux struttura partikolari. Dawn ma jinterferixxux mal-allokazzjoni ġenerali tal-kompetenzi skont il-liġi nazzjonali tal-kumpaniji. Għaldaqstant, dawn għandhom jiġu applikati irrispettivament mill-istruttura tal-bordijiet użata (struttura ta' bord unitarja u/jew doppja u/jew struttura oħra) madwar l-Istati Membri. Il-korp ta' ġestjoni, kif definit fil-punti (7) u (8) tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2013/36/UE, għandu jinftiehem bħala li għandu funzjonijiet ta' ġestjoni (eżekuttivi) u superviżorji (mhux eżekuttivi)[33].

135. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrieżaminaw l-applikazzjoni, b'mod partikolari l-artikoli ta' assoċjazzjoni jew dokumenti kostituzzjonali ekwivalenti oħra[34] u t-termini ta' referenza tal-korp ta' ġestjoni[35], u jkunu sodisfatti li d-dokumenti jkopru b'mod adegwat ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-korp ta' ġestjoni, b'distinzjoni bejn id-dmirijiet tal-funzjoni ta' ġestjoni (eżekuttiva) u tal-funzjoni superviżorja (mhux eżekuttiva). F'konformità ma' dan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom b'mod partikolari:

(a) jivverifikaw li l-korp ta' ġestjoni għandu r-responsabbiltà aħħarija u kumplessiva tal-istituzzjoni u jiddefinixxi, jissorvelja u jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-

[33] Il-paragrafu 8 tal-*Linji Gwida dwar il-governanza interna* tal-EBA. Ara wkoll il-Premessa 56 tad-Direttiva 2013/36/UE.

[34] Imressaq skont l-RTS dwar l-informazzjoni għall-awtorizzazzjoni.

[35] Imressaq skont l-RTS dwar l-informazzjoni għall-awtorizzazzjoni.

arranġamenti ta’ governanza fi ħdan l-istituzzjoni li jiżguraw ġestjoni effettiva u prudenti tal-istituzzjoni[36];

(b) ikunu sodisfatti li r-responsabbiltajiet fdati lill-korp ta’ ġestjoni[37] jinkludu l-istabbiliment, l-approvazzjoni u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni ta’: a) l-istrateġija ġenerali tan-negozju u l-politiki ewlenin tal-istituzzjoni ta’ kreditu; b) l-istrateġija ġenerali għar-riskju, inkluż l-aptit għar-riskju tal-istituzzjoni ta’ kreditu, il-qafas tal-ġestjoni tar-riskju tagħha u miżuri biex jiġi żgurat li l-korp ta’ ġestjoni jiddedika biżżejjed ħin għal kwistjonijiet ta’ riskju u biex iwettaq il-funzjoni tiegħu; c) governanza interna adegwata u effettiva u qafas ta’ kontroll intern li jinkludi struttura organizzattiva ċara u ġestjoni tar-riskju interna, funzjonijiet ta’ konformità u awditjar indipendenti u li jiffunzjonaw tajjeb u li jkollhom awtorità, statura u riżorsi suffiċjenti biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom; d) governanza interna adegwata u effettiva u qafas ta’ kontroll intern, biex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli, inkluż fil-kuntest tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu; e) l-ammonti, it-tipi u d-distribuzzjoni tal-kapital intern u dak regolatorju biex ikopru b’mod adegwat ir-riskji tal-istituzzjoni; f) miri għall-ġestjoni tal-likwidità tal-istituzzjoni; g) politika ta’ rimunerazzjoni kif deskritta fil-paragrafi 170 u 171; h) arranġamenti dwar l-adegwatezza individwali u kollettiva, il-kompożizzjoni, l-effettività u l-ippjanar tas-suċċessjoni tal-korp ta’ ġestjoni; i) proċess ta’ valutazzjoni tal-għażla u tal-adegwatezza għad-detenturi ta’ funzjonijiet ewlenin[38]; j) arranġamenti mmirati biex jiżguraw il-funzjonament intern ta’ kull kumitat tal-korp ta’ ġestjoni, meta jiġu stabbiliti[39]; k) kultura ta’ riskju li tindirizza l-għarfien tar-riskju u l-imġiba tat-teħid tar-riskju tal-istituzzjoni; l) kultura u valuri korporattivi li jrawmu mġiba responsabbli u etika, inkluż kodiċi ta’ kondotta jew strument simili; m) politika dwar il-kunflitt ta’ interess fil-livell istituzzjonali u tal-persunal; u n) arranġamenti mmirati biex jiżguraw l-integrità tas-sistemi tal-kontabbiltà u tar-rapportar finanzjarju, inklużi l-kontrolli finanzjarji u operazzjonali u l-konformità mal-liġi u mal-istandards rilevanti;

(c) ikunu sodisfatti li l-applikazzjoni tipprevedi li meta jistabbilixxi, japprova u jissorvelja l-implimentazzjoni tal-kompiti msemmija fl-ittra (b) hawn fuq, il-korp ta’ ġestjoni għandu jkollu l-għan li jiżgura mudell ta’ negozju sostenibbli li jqis ir-riskji kollha, inklużi r-riskji ambjentali, soċjali u ta’ governanza;

---

[36] Il-paragrafu 19 tal-Linji Gwida dwar il-governanza interna tal-EBA.

[37] Ara l-paragrafu 22 tal-Linji Gwida dwar il-governanza interna tal-EBA.

[38] Kif definit fil-*Linji Gwida dwar il-governanza interna* tal-EBA, l-espressjoni “detentur ta’ funzjoni ewlenija” tfisser persuni li għandhom influwenza sinifikanti fuq id-direzzjoni tal-istituzzjoni iżda li mhumiex membri tal-korp ta’ ġestjoni u mhumiex CEO. Dawn jinkludu l-kapijiet ta’ funzjonijiet ta’ kontroll intern u s-CFO, fejn ma jkunux membri tal-korp ta’ ġestjoni, u, fejn identifikati minn approċċ ibbażat fuq ir-riskju mill-istituzzjonijiet, detenturi oħra ta’ funzjonijiet ewlenin. Detenturi ta’ funzjonijiet ewlenin oħra jistgħu jinkludu kapijiet ta’ linji tan-negozju sinifikanti, fergħat taż-Żona Ekonomika Ewropea/tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles, sussidjarji ta’ pajjiżi terzi u funzjonijiet interni oħra”. Ara wkoll il-Linji Gwida Konġunti tal-ESMA u tal-EBA dwar il-valutazzjoni tal-idoneità tal-membri tal-korp ta’ ġestjoni u tad-detenturi ta’ funzjonijiet ewlenin.

[39] Skont il-paragrafu 22(i) tal-*Linji Gwida dwar il-governanza interna* tal-EBA, tali arranġamenti għandhom jagħtu dettalji dwar “i. ir-rwol, il-kompożizzjoni u l-kompiti ta’ kull wieħed minnhom; ii. fluss xieraq ta’ informazzjoni, inkluża d-dokumentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet u l-konklużjonijiet, u linji ta’ rapportar bejn kull kumitat u l-korp ta’ ġestjoni, l-awtoritajiet kompetenti u partijiet oħra”.

(d) ikunu sodisfatti li d-dokumenti ta’ applikazzjoni rilevanti jipprevedu arranġamenti mmirati biex jiżguraw li l-valutazzjonijiet tal-idoneità individwali u kollettivi tal-korp ta’ ġestjoni jitwettqu b’mod effettiv, li r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-president ikunu definiti b’mod ċar, li l-kompożizzjoni u l-ippjanar tas-suċċessjoni tal-korp ta’ ġestjoni jkunu xierqa, u li l-korp ta’ ġestjoni jwettaq il-funzjonijiet tiegħu b’mod effettiv, f’konformità mal-*Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna* u l-*Linji Gwida tal-EBA dwar il-valutazzjoni tal-adegwatezza*;

(e) jivvalutaw li l-korp ta’ ġestjoni fil-funzjoni ta’ ġestjoni tiegħu se jkun fdat bir-responsabbiltà għall-implimentazzjoni tal-istrateġiji stabbiliti mill-korp ta’ ġestjoni u jiddiskuti regolarment l-implimentazzjoni u l-adegwatezza ta’ dawk l-istrateġiji mal-korp ta’ ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu. Il-korp ta’ ġestjoni fil-funzjoni ta’ ġestjoni tiegħu għandu wkoll jingħata s-setgħa li jikkontesta b’mod kostruttiv u jirrieżamina b’mod kritiku l-proposti, l-ispjegazzjonijiet u l-informazzjoni li jirċievi meta jeżerċita l-ġudizzju tiegħu u jieħu deċiżjonijiet dwar l-istrateġija tal-istituzzjoni[40];

(f) ikunu sodisfatti, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet assenjati skont il-liġi nazzjonali applikabbli dwar il-kumpaniji, li l-kompiti tal-korp ta’ ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu għandhom jinkludu[41]: a) is-sorveljanza u l-monitoraġġ tat-teħid ta’ deċiżjonijiet u l-azzjonijiet ta’ ġestjoni u l-forniment ta’ sorveljanza effettiva tal-korp ta’ ġestjoni fil-funzjoni ta’ ġestjoni tiegħu, inkluż il-monitoraġġ u l-iskrutinju tal-prestazzjoni individwali u kollettiva tiegħu u l-implimentazzjoni tal-istrateġija u l-objettivi tal-istituzzjoni; b) l-iżgurar u l-valutazzjoni perjodika tal-effettività tal-qafas ta’ governanza interna tal-istituzzjoni ta’ kreditu u t-teħid ta’ passi xierqa biex jiġi indirizzat kwalunkwe nuqqas identifikat; c) is-sorveljanza u l-monitoraġġ ta’ jekk l-objettivi strateġiċi, l-istruttura organizzattiva u l-istrateġija tar-riskju tal-istituzzjoni ta’ kreditu, inklużi l-aptit għar-riskju u l-qafas tal-ġestjoni tar-riskju tagħha, kif ukoll politiki oħra (eż. il-politika dwar ir-rimunerazzjoni) u l-qafas tad-divulgazzjoni humiex implimentati b’mod konsistenti; d) il-monitoraġġ ta’ jekk il-kultura tar-riskju tal-istituzzjoni ta’ kreditu hijiex implimentata b’mod konsistenti; e) is-sorveljanza tal-implimentazzjoni u ż-żamma ta’ kodiċi ta’ kondotta jew politiki simili u effettivi għall-identifikazzjoni, il-ġestjoni u l-mitigazzjoni tal-kunflitti ta’ interess attwali u potenzjali; f) is-sorveljanza tal-integrità tal-informazzjoni u r-rapportar finanzjarji, u l-qafas ta’ kontroll intern, inkluż qafas ta’ ġestjoni tar-riskju effettiv u sod; g)l-iżgurar li l-kapijiet tal-funzjonijiet ta’ kontroll intern ikunu kapaċi u jaġixxu b’mod indipendenti u, irrispettivament mir-responsabbiltà li jirrapportaw lil korpi interni, linji tan-negozju jew unitajiet oħra, jistgħu jqajmu tħassib u javżaw lill-korp ta’ ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu direttament, fejn meħtieġ, meta żviluppi avversi tar-riskju jkunu jaffettwaw jew jistgħu jaffettwaw lill-istituzzjoni; u h) il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-pjan ta’ awditjar intern, wara l-involviment minn qabel tal-kumitati tar-riskju u tal-awditjar, fejn tali kumitati jkunu stabbiliti;

[40] Ara l-paragrafu 30 tal-Linji Gwida dwar il-governanza interna tal-EBA.

[41] Ara l-paragrafu 34 tal-Linji Gwida dwar il-governanza interna tal-EBA.

(g) jivverifikaw li d-dokumenti ta' applikazzjoni rilevanti relatati mal-kumitati li se jiġu stabbiliti jinkludu l-kombinazzjoni, il-kompożizzjoni, ir-rwol u l-allokazzjoni tad-dmirijiet u l-kompiti tagħhom bejn il-kumitati speċjalizzati tal-korp ta' ġestjoni, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-*Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna*.

136. F'konformità mal-Artikolu 46(4) tad-Direttiva 2015/849 (AMLD), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw ukoll li d-dokumenti tal-applikazzjoni jipprevedu l-identifikazzjoni tal-membru tal-korp ta' ġestjoni li għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità mar-rekwiżiti tal-AML/CTF.

### 9.2.2 Valutazzjoni tal-idoneità tal-korp ta' ġestjoni u tad-detenturi tal-funzjonijiet ewlenin

137. F'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(1), l-awtoritajiet kompetenti tas-CRD għandhom jissoġġettaw lill-membri tal-korp ta' ġestjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu għal valutazzjoni tal-idoneità u għandhom jirrifjutaw li jagħtu l-awtorizzazzjoni meta dawn ma jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 91(1) tas-CRD.

138. Fejn applikabbli, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ukoll ikunu soġġetti għal valutazzjoni tal-idoneità tad-detenturi ta' funzjonijiet ewlenin, kif definit *fil-Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna*.

139. Tali valutazzjoni tal-idoneità għandha titwettaq f'konformità mal-*Linji Gwida tal-EBA u tal-ESMA dwar il-valutazzjoni tal-idoneità tal-korp ta' ġestjoni u tad-detenturi ta' funzjonijiet ewlenin*.

## 9.3 Struttura organizzattiva

140. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-istruttura organizzattiva tal-istituzzjoni ta' kreditu turi organizzazzjoni solida bid-disponibbiltà ta' linji ta' rapportar effettivi, allokazzjoni tar-responsabbiltajiet u kejl u ġestjoni tar-riskju inkluż monitoraġġ sussegwenti, sabiex tiġi żgurata l-ġestjoni soda u prudenti tal-istituzzjoni ta' kreditu. Ir-rieżami għandu jinkludi wkoll l-organigramma li tistabbilixxi l-organizzazzjoni interna prevista f'termini ta' dipartimenti, diviżjonijiet, timijiet u allokazzjoni relatata tal-persunal.

141. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw bir-reqqa jekk l-istruttura organizzattiva sottomessa – inkluż id-daqs proġettat, in-numru u s-sistemi FTE – hijiex proporzjonata mal-mudell tan-negozju, it-tipi u d-distribuzzjoni ġeografika tal-attivitajiet u r-riskji li l-istituzzjoni ta' kreditu applikanti biħsiebha twettaq. Valutazzjoni bħal din għandha għalhekk tkun appoġġata mill-pjan ta' direzzjoni tan-negozju rieżaminat skont it-taqsima 7 ta' dawn il-Linji Gwida.

142. Għall-finijiet tal-għoti tal-awtorizzazzjoni jew tal-bidu tal-attivitajiet skont il-każ, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu sodisfatti biżżejjed bil-progress li jkun qed isir fir-rigward tal-

implimentazzjoni tal-istruttura organizzattiva, inkluż il-progress fir-reklutaġġ tal-persunal indikat bil-kwalifiki adegwati.

143. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu attenzjoni speċifika biex jevitaw l-istabbiliment ta' strutturi mhux trasparenti jew kumplessi bla bżonn li ma jkollhom l-ebda raġuni ekonomika jew skop legali ċar jew li jistgħu jintużaw għal objettiv marbut mal-ħasil tal-flus jew reati finanzjarji oħra[42].

144. Meta l-pjan ta' direzzjoni tan-negozju jipprevedi l-istabbiliment ta' strutturi f'ġurisdizzjonijiet oħra, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-konformità effettiva ta' ġurisdizzjonijiet bħal dawn mal-istandards tal-UE u internazzjonali dwar it-trasparenza tat-taxxa, l-AML u s-CFT"[43]. Huma għandhom jivvalutaw ukoll il-punt sa fejn l-istruttura prevista sservi skop ekonomiku ovvju u legali, jew il-punt sa fejn tista' tintuża biex taħbi l-identità tas-sid benefiċjarju aħħari, jew jekk l-istrateġija tan-negozju (inkluża t-talba tal-klijent sottostanti għall-istabbiliment tal-istruttura) tagħti lok għal tħassib. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istruttura timpedixxix sorveljanza xierqa mill-korp ta' ġestjoni tal-istituzzjoni jew il-kapaċità tal-istituzzjoni li timmaniġġja r-riskju relatat, u jekk l-istruttura toħloqx ostakli għal superviżjoni effettiva mill-awtoritajiet kompetenti[44].

### 9.3.1 Il-valuri korporattivi, il-kultura tar-riskju, il-kodiċi tal-kondotta u l-politiki ta' governanza

145. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li t-termini ta' referenza tal-korp ta' ġestjoni relatati mal-valuri korporattivi jiżguraw l-adozzjoni, il-promozzjoni u l-implimentazzjoni ta' standards etiċi u professjonali għoljin, filwaqt li joħolqu ambjent ta' sfida effettiva li fih il-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet jippromwovu firxa ta' fehmiet.

146. B'mod konsistenti mal-Artikolu 5(1), ittra c) n. (ii), il-ħames inċiż tal-*RTS dwar l-informazzjoni għall-awtorizzazzjoni*, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrieżaminaw ukoll il-qafas tal-politika li tippromwovi d-diversità tal-korp ta' ġestjoni u jkunu sodisfatti li din tkun konformi mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 88(2)(a) tas-CRD u jistabbilixxu mira kwantitattiva jew, kif xieraq, kwalitattiva għall-promozzjoni tad-diversità, u l-frekwenza tal-valutazzjoni.

### 9.3.2 Politika tal-kunflitti ta' interess

147. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-qafas tal-politika dwar il-kunflitti ta' interess jagħmel lill-korp ta' ġestjoni responsabbli biex "jistabbilixxi, japprova u jissorvelja l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' politiki effettivi biex jidentifika, jivvaluta, jimmaniġġja u

[42] Il-paragrafu 76 tal-*Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna* jaqra: "L-istituzzjonijiet għandhom jevitaw li jistabbilixxu strutturi kumplessi u potenzjalment mhux trasparenti. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu fit-teħid ta' deċiżjonijiet tagħhom ir-riżultati ta' valutazzjoni tar-riskju mwettqa biex jidentifikaw jekk strutturi bħal dawn jistgħux jintużaw għal skop marbut mal-ħasil tal-flus jew reati finanzjarji oħra u l-kontrolli rispettivi u l-qafas legali fis-seħħ [..]".

[43] Il-paragrafu 76, l-ittra (a) tal-*Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna* jaqra: "il-punt sa fejn il-ġurisdizzjoni li fiha ser tiġi stabbilita l-istruttura tikkonforma b'mod effettiv mal-istandards tal-UE u dawk internazzjonali dwar it-trasparenza fiskali, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu;".

[44] Il-paragrafu 76 ittri a) sa f) tal-*Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna*.

jimmitiga jew jipprevjeni kunflitti ta' interess reali u potenzjali fil-livell istituzzjonali" kif ukoll bejn l-istituzzjoni u l-persunal, inkluż il-korp ta' ġestjoni u l-eqreb membri tal-familja tal-persunal[45].

148. Fir-rigward tal-kunflitti ta' interess fil-livell tal-istituzzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu sodisfatti li l-qafas tal-politika dwar il-kunflitti ta' interess jirrikjedi li "l-miżuri ta' istituzzjonijiet għall-ġestjoni jew fejn xieraq jimmitigaw il-kunflitti ta' interess għandhom jiġu ddokumentati"[46] u jinkludu segregazzjoni xierqa tad-dmirijiet, l-ostakli għall-informazzjoni u l-proċeduri għal tranżazzjonijiet ma' partijiet relatati.

149. Fir-rigward tal-kunflitti ta' interess fil-livell tal-persunal, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu sodisfatti li l-politika tkopri mill-inqas is-sitwazzjonijiet previsti fil-paragrafu 109 tal-*Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna*[47], u li tipprevedi "proċeduri, miżuri, rekwiżiti ta' dokumentazzjoni u responsabbiltajiet għall-identifikazzjoni u l-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess, għall-valutazzjoni tal-materjalità tagħhom u għat-teħid ta' miżuri ta' mitigazzjoni".

### 9.3.3 L-iżvelar ta' informazzjoni protetta, l-abbuż tas-suq, il-governanza tal-prodotti, il-protezzjoni tal-konsumatur, it-trattament tal-ilmenti

150. Ir-rieżami mill-awtoritajiet kompetenti tal-oqfsa tal-politika dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta għandu jiżgura li l-persunal ikun jista' jirrapporta b'mod sikur ksur potenzjali jew reali tar-rekwiżiti regolatorji jew interni. Sabiex jiġu evitati kunflitti ta' interess, għandu jkun possibbli għall-persunal li jirrapporta ksur barra l-linji ta' rapportar regolari. Il-proċeduri ta' twissija għandhom jiżguraw il-protezzjoni tad-*data* personali kemm tal-persuna li tirrapporta l-ksur kif ukoll tal-persuna fiżika allegatament responsabbli mill-ksur, skont ir-Regolament (UE) 2016/679, ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*.

151. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu sodisfatti li l-qafas tal-politika jkopri l-proċess għat-trattament ta' informazzjoni dwar ksur potenzjali jew attwali u l-protezzjoni tal-persuna li tirrapportah f'konformità mal-*Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna*.

152. Ir-rieżami mill-awtoritajiet kompetenti tal-qafas ġenerali tal-politika dwar l-abbuż tas-suq għandu jiżgura l-aderenza tal-istituzzjoni ta' kreditu ma' standards xierqa li jipprevjenu l-abbuż

[45] Ara t-taqsimiet 11 u 12 tal-*Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna*.

[46] Ara l-paragrafu 107 tal-*Linji Gwida dwar il-governanza interna tal-EBA*.

[47] Il-paragrafu 111 tal-*Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna* jaqra: "Il-politika għandha tkopri mill-inqas is-sitwazzjonijiet jew ir-relazzjonijiet li ġejjin fejn jistgħu jinħolqu kunflitti ta' interess:

a. interessi ekonomiċi (eż. ishma, drittijiet ta' sjieda u sħubijiet oħra, parteċipazzjonijiet finanzjarji u interessi ekonomiċi oħra fi klijenti kummerċjali, drittijiet ta' proprjetà intellettwali, self mogħti mill-istituzzjoni lil kumpanija proprjetà ta' persunal, sħubija f'korp jew sjieda ta' korp jew ta' entità b'interessi kunfliġġenti);

b. relazzjonijiet personali jew professjonali mas-sidien ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji kwalifikanti fl-istituzzjoni;

c. relazzjonijiet personali jew professjonali mal-persunal tal-istituzzjoni jew tal-entitajiet inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' konsolidazzjoni prudenzjali (eż. relazzjonijiet familjari);

d. impjieg ieħor u impjiegi preċedenti fil-passat riċenti (eż. ħames snin);

e. relazzjonijiet personali jew professjonali ma' partijiet interessati esterni rilevanti (eż. assoċjazzjoni ma' fornituri ta' materjali, konsulenzi jew fornituri ta' servizzi oħra); u

f. influwenza politika jew relazzjonijiet politiċi".

tas-suq. B'mod partikolari għandu jinkludi l-proċess għall-identifikazzjoni, il-ġestjoni u r-rapportar tal-ksur tal-abbuż tas-suq.

153. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li, f'konformità mal-*Linji Gwida tal-EBA dwar is-sorveljanza tal-prodotti u l-arranġamenti ta' governanza għall-prodotti bankarji għall-konsumatur*[48], il-qafas tal-politika ta' governanza tal-prodotti jiżgura li l-istituzzjoni ta' kreditu applikanti, li taġixxi bħala manifattur u/jew distributur, ser timplimenta politika soda ta' governanza tal-prodotti li tipprevedi proċessi, funzjonijiet u strateġiji interni (i) biex jiġi żgurat li l-interessi, l-objettivi u l-karatteristiċi tal-konsumaturi jiġu kkunsidrati, (ii) biex jiġi evitat detriment potenzjali għall-konsumatur u (iii) biex jiġu minimizzati l-kunflitti ta' interess.

154. Ir-rieżami mill-awtoritajiet kompetenti tal-qafas tal-politika dwar il-protezzjoni tal-konsumatur għandu jkollha l-għan li tiżgura li l-istituzzjoni ta' kreditu applikanti tistabbilixxi politika soda ta' protezzjoni tal-konsumatur biex tipprovdi informazzjoni adegwata u protezzjoni lill-konsumaturi. B'mod partikolari, l-oqfsa għandhom jiżguraw li l-politika dwar il-protezzjoni tal-konsumatur tikkonforma mal-qafas regolatorju u tipprovdi taħriġ adegwat lill-persunal rilevanti. Għal dan il-għan għandha tkopri l-istandards u l-prinċipji, il-monitoraġġ tal-konformità u l-għarfien tal-persunal.

155. Ir-rieżami mill-awtoritajiet kompetenti tal-oqfsa tal-politika dwar it-trattament tal-ilmenti għandu jkollha l-għan li tiżgura li l-istituzzjoni ta' kreditu tipprovdi protezzjoni adegwata lill-konsumaturi f'konformità mar-rekwiżiti regolatorji applikabbli. Il-qafas għandu jkopri l-proċess biex jiġu rċevuti, ivvalutati u mwieġba l-ilmenti.

## 9.4 Qafas ta' kontroll intern

156. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni ta' kreditu applikanti għandhiex qafas ta' kontroll intern xieraq li jkun proporzjonat mal-attivitajiet previsti, il-mudell tan-negozju, il-kumplessità u r-riskji assoċjati tal-istituzzjoni ta' kreditu (eż. l-onboarding online tal-klijenti, il-protezzjoni u l-arranġamenti taċ-ċibersigurtà). L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu sodisfatti mill-adegwatezza tar-riżorsi umani allokati kemm f'termini tal-għadd ta' FTEs kif ukoll tal-kwalifiki, tal-idoneità tas-sistemi u tal-baġit biex jappoġġaw it-twettiq tal-kompiti.

157. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrieżaminaw id-dokumenti tal-applikazzjoni u jkunu sodisfatti li l-allokazzjoni tal-kompiti u r-responsabbiltajiet se tippermetti lill-korp ta' ġestjoni jkun jaf bis-sħiħ l-istruttura tal-istituzzjoni ta' kreditu tagħhom[49] u "jiżguraw li l-funzjonijiet ta' kontroll intern ikunu indipendenti mil-linji tan-negozju li jikkontrollaw, inkluż li jkun hemm segregazzjoni adegwata tad-dmirijiet, u li jkollhom ir-riżorsi finanzjarji u umani xierqa kif ukoll setgħat biex iwettqu r-rwol tagħhom b'mod effettiv. Il-linji ta' rapportar u l-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet, b'mod partikolari fost id-detenturi ta' funzjonijiet ewlenin, fi ħdan l-

[48] EBA/GL/2015/18 disponibbli fuq https://www.eba.europa.eu/guidelines-on-product-oversight-and-governance-arrangements-for-retail-banking-products

[49] Il-paragrafu 71 tal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna.

istituzzjoni ta' kreditu għandhom ikunu ċari, definiti sew, koerenti, infurzabbli u debitament dokumentati"[50].

158. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiksbu viżjoni ċara li l-qafas ta' kontroll intern ikopri l-oqsma kollha tal-istituzzjoni u jirrifletti t-tliet linji tal-mudell tad-difiża għall-identifikazzjoni tal-funzjonijiet għall-indirizzar u l-ġestjoni tar-riskji.

159. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li jiġu implimentati arranġamenti biex jiżguraw li n-negozji u l-unitajiet ta' appoġġ, l-ewwel linja ta' difiża, ikunu responsabbli l-ewwel nett għall-identifikazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji li jġarrbu fit-twettiq tal-attivitajiet tagħhom u għall-istabbiliment u ż-żamma ta' proċessi u kontrolli adegwati biex jiġi żgurat li tali riskji jiġu analizzati, imkejla, immonitorjati, irrappurtati kif xieraq u miżmuma fil-limiti tal-aptit għar-riskju tal-istituzzjoni ta' kreditu u li jkunu konformi mar-rekwiżiti regolatorji interni u esterni.

160. Il-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskji u l-funzjoni tal-konformità, it-tieni linja ta' difiża, flimkien mal-funzjoni tal-awditjar intern, li hija t-tielet linja ta' difiża, jiffurmaw il-funzjonijiet ta' kontroll intern fi ħdan il-qafas ta' kontroll intern. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li se jiġu stabbiliti, filwaqt li jqisu l-kriterji tal-proporzjonalità stabbiliti fil-paragrafi 17–21, u li se jingħataw awtorità, statura u aċċess dirett xierqa u sufficjenti għall-korp ta' ġestjoni biex iwettqu l-missjoni tagħhom.

161. Sabiex jiġi żgurat li l-funzjonijiet ta' kontroll intern jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' indipendenza[51], l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li, abbażi tad-dokumenti ta' applikazzjoni, jiġi previst li:

(a) il-persunal tagħhom ma jwettaqx kompiti operazzjonali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet li l-funzjonijiet ta' kontroll intern huma maħsuba li jimmonitorjaw u jikkontrollaw;

(b) ikunu organizzazzjonalment separati mill-attivitajiet li jkunu assenjati biex jimmonitorjaw u jikkontrollaw;

(c) minkejja r-responsabbiltà ġenerali tal-membri tal-korp ta' ġestjoni għall-istituzzjoni, il-kap ta' funzjoni ta' kontroll intern ma jkunx subordinat għal persuna li jkollha r-responsabbiltà għall-ġestjoni tal-attivitajiet li l-funzjoni ta' kontroll intern timmonitorja u tikkontrolla;

(d) ir-rimunerazzjoni tal-persunal tal-funzjonijiet ta' kontroll intern m'għandhiex tkun marbuta mal-prestazzjoni tal-attivitajiet li l-funzjoni ta' kontroll intern timmonitorja u tikkontrolla, u b'xi mod ieħor mhux probabbli li tikkomprometti l-oġġettività tagħhom.

---

[50] Il-paragrafu 68 tal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna.

[51] Ara l-paragrafu 175 tal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-governanza interna.

162. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-kapijiet tal-funzjonijiet ta' kontroll intern jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

a) jiġu stabbiliti f'livell ġerarkiku adegwat li jipprovdi lill-kap tal-funzjoni ta' kontroll bl-awtorità xierqa u l-istatura meħtieġa biex i/twettaq ir-responsabbiltajiet tiegħu jew tagħha;

b) ikunu indipendenti mil-linji tan-negozju jew l-unitajiet li jikkontrollaw;

c) jirrapportaw u jkunu direttament responsabbli lejn il-korp ta' ġestjoni, u l-prestazzjoni tagħhom għandha tiġi rieżaminata mill-korp ta' ġestjoni;

d) fejn meħtieġ, ikollhom aċċess u jirrapportaw direttament lill-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu sabiex iqajmu tħassib u jwissu lill-funzjoni superviżorja, fejn xieraq, meta żviluppi speċifiċi jaffettwaw jew ikunu jistgħu jaffettwaw lill-istituzzjoni.

163. Sabiex jiġi żgurat li l-funzjonijiet ta' kontroll intern ikunu jistgħu jiġu eżerċitati b'mod effettiv, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu sodisfatti li jiġu allokati biżżejjed riżorsi baġitarji u umani bi kwalifiki adegwati, filwaqt li jqisu t-tipi ta' attivitajiet immirati, u sistema tal-ICT xierqa u appoġġ għad-dispożizzjoni tagħhom.

### 9.4.2 Funzjoni tal-ġestjoni tar-riskji

164. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu sodisfatti li, bħala parti mill-qafas ta' kontroll intern, l-istituzzjoni ta' kreditu jkollha qafas olistiku ta' ġestjoni tar-riskju li tinkludi l-istituzzjoni ta' kreditu sħiħa, li jirrikonoxxi bis-sħiħ is-sustanza ekonomika tal-esponimenti għar-riskju kollha tal-istituzzjoni ta' kreditu.

165. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu sodisfatti li l-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskju (RMF) se tiffaċilita l-implimentazzjoni ta' qafas sod għall-ġestjoni tar-riskju fl-istituzzjoni kollha u li r-rwol tagħha fi ħdan l-istituzzjoni ta' kreditu jkopri l-involviment tagħha fi: a) strateġija u deċiżjoni dwar ir-riskju; b) l-evalwazzjoni ta' bidliet materjali; c) l-identifikazzjoni, il-kejl, il-valutazzjoni, il-ġestjoni, il-mitigazzjoni, il-monitoraġġ u r-rappurtar dwar ir-riskji; d) il-valutazzjoni ta' ksur ta' aptit għar-riskju jew limiti u r-rakkomandazzjoni ta' rimedji. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrieżaminaw u jivvalutaw ukoll il-qafas tal-istrateġija għall-ġestjoni ta' tali riskji u jinkludu dikjarazzjoni ta' tolleranza u aptit għar-riskju u miżuri biex jallinjaw ir-riskju vvalutat mal-aptit għar-riskju.

166. Fir-rigward tar-rwol tal-RMF fl-istrateġija tar-riskju u fit-teħid tad-deċiżjonijiet, ir-rieżami tal-awtoritajiet kompetenti għandu jkollu l-għan li jivverifika li l-applikazzjoni tipprevedi l-involviment attiv tal-RMF fi stadju bikri fin-negozju avvjat fl-elaborazzjoni tal-istrateġija tar-riskju tal-istituzzjoni ta' kreditu, fl-iżgurar li l-istituzzjoni ta' kreditu jkollha proċessi effettivi ta' ġestjoni tar-riskju fis-seħħ u li tipprovdi lill-korp ta' ġestjoni bl-informazzjoni rilevanti kollha relatata mar-riskju biex ikun jista' jiġi stabbilit il-livell ta' aptit għar-riskju tal-istituzzjoni ta' kreditu. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-RMF tkun prevista li tivvaluta r-robustezza u s-sostenibbiltà tal-istrateġija tar-riskju u l-aptit għar-riskju u li din tal-aħħar tiġi

tradotta b'mod xieraq f'limiti speċifiċi tar-riskju, inkluż fil-livell tal-unitajiet tan-negozju, u tkun involuta qabel ma tittieħed deċiżjoni mill-korp ta' ġestjoni dwar l-istrateġiji tar-riskju.

167. Fir-rigward tar-rwol tal-RMF fl-evalwazzjoni ta' bidliet materjali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-involviment tal-RMF ikun previst qabel ma jittieħdu deċiżjonijiet dwar tranżazzjonijiet eċċezzjonali, sabiex jiġi evalwat l-impatt ta' tali bidliet u tranżazzjonijiet eċċezzjonali fuq ir-riskju ġenerali tal-istituzzjoni ta' kreditu, u biex jirrapportaw is-sejbiet tiegħu direttament lill-korp ta' ġestjoni qabel ma tittieħed deċiżjoni.

168. Fir-rigward tar-rwol tal-RMF fl-identifikazzjoni, il-kejl, il-monitoraġġ, il-mitigazzjoni u r-rapportar tar-riskju u konċentrazzjonijiet tar-riskju assoċjati li għandhom jiġu approvati mill-korp ta' ġestjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-politiki u l-proċeduri jkunu fis-seħħ u li l-RMF ikollha aċċess għal-linji tan-negozju kollha u unitajiet oħra li għandhom il-potenzjal li jiġġeneraw riskji.

169. Ir-rwol tal-RMF għandu jinkludi wkoll il-valutazzjoni indipendenti tal-ksur ta' aptit jew limiti għar-riskju (inkluż l-aċċertament tal-kawża u t-twettiq ta' analiżi legali u ekonomika tal-ispiża attwali tal-għeluq, it-tnaqqis jew l-iħħeġġjar tal-esponiment kontra l-kost potenzjali biex tinżamm). Għandu jkun previst li l-RMF tinforma lill-unitajiet tan-negozju kkonċernati u lill-korp ta' ġestjoni, u tirrakkomanda rimedji possibbli. Għal dan il-għan, għandha tkun tista' tirrapporta direttament lill-korp ta' ġestjoni fil-funzjoni superviżorja tiegħu meta l-ksur ikun materjali, mingħajr preġudizzju għall-RMF biex tirrapporta lil funzjonijiet u kumitati interni oħra.

### 9.4.3 Politika ta' rimunerazzjoni

170. Fir-rigward tal-qafas tal-politika ta' rimunerazzjoni, minbarra l-valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti ta' newtralità fir-rigward tas-sessi skont l-Artikolu 92(2)(aa) tas-CRD, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu b'mod speċifiku biex jivverifikaw li l-qafas tal-politika relatata mal-membri tal-persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni ta' kreditu[52] jkun konformi mal-Artikolu 94 tas-CRD u l-*Linji Gwida tal-EBA dwar il-politika ta' rimunerazzjoni*.

171. B'mod partikolari, huma għandhom jivvalutaw jekk: a) il-qafas tal-politika ta' rimunerazzjoni huwiex konformi mal-aptit għar-riskju previst tal-istituzzjoni, l-istrateġija tan-negozju tagħha u l-interessi fit-tul tagħha, u huwa previst li jinżamm, jiġi approvat u ssorveljata mill-korp ta' ġestjoni; b) jipprevedix li l-persunal li jkollu impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni jiġix identifikat b'mod xieraq f'konformità mal-Artikolu 92(3) u l-Artikolu 94(3) tas-CRD; c) jipprevedix rekwiżiti speċifiċi ta' rimunerazzjoni għal dak il-persunal partikolari, fost l-oħrajn (i) proporzjon bejn ir-rimunerazzjoni varjabbli u dik fissa f'konformità mal-punt (g) tal-Artikolu 94(1) tas-CRD u (ii) il-ħlas fi strumenti, l-arranġamenti ta' differiment inklużi l-malus u l-clawback f'konformità mal-punti (l), (m) u (n) tal-Artikolu 94(1) tas-CRD[53].

[52] Imressaq skont l-RTS dwar l-informazzjoni għall-awtorizzazzjoni.

[53] B'attenzjoni speċifika għad-derogi previsti fl-Artikolu 94(3) u (4) tas-CRD.

### 9.4.4 Funzjoni tal-konformità

172. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li huwa previst li l-funzjoni tal-konformità se timmaniġġja r-riskju tal-konformità, tipprovdi pariri lill-korp ta' ġestjoni dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu biex tiġi żgurata l-konformità mal-liġijiet, mar-regoli, mar-regolamenti u mal-istandards applikabbli, u timplimenta, taħt is-sorveljanza tal-korp ta' ġestjoni, il-politiki u l-proċessi għall-ġestjoni tar-riskji ta' konformità u biex tiżgura l-konformità. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-funzjoni ta' konformità tkun adegwata għat-tipi u d-distribuzzjoni ġeografika tal-attivitajiet (eż. konformità mal-liġijiet nazzjonali applikabbli ta' diversi ġurisdizzjonijiet fil-każ ta' attivitajiet imwettqa fuq bażi transfruntiera), ir-riskji u l-kumplessità f'konformità mal-mudell ta' negozju u l-valutazzjoni tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju mwettqa f'konformità mat-taqsima 7 ta' dawn il-Linji Gwida.

173. Il-funzjoni ta' verifika tal-konformità għandha tiżgura li l-monitoraġġ tal-konformità jsir permezz ta' programm strutturat u definit tajjeb ta' monitoraġġ tal-konformità u li tiġi osservata l-politika ta' konformità. Għandu jkun previst ukoll li l-funzjoni ta' konformità u l-RMF jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni kif xieraq biex iwettqu l-kompiti rispettivi tagħhom.

174. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw ukoll li l-funzjoni ta' konformità tiġi fdata biex tivverifika, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-RMF u l-unità legali, li prodotti ġodda u proċeduri ġodda jikkonformaw mal-qafas legali attwali u, fejn xieraq, ma' kwalunkwe bidla futura magħrufa fil-leġiżlazzjoni, fir-regolamenti u fir-rekwiżiti superviżorji.

175. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li funzjoni ta' konformità tal-AML/CTF għall-konformità mar-regolament speċifiku dwar ML/TF u politiki interni tkun prevista li tiġi stabbilita, jew fi ħdan il-funzjoni ta' konformità jew separatament minnha.

### 9.4.5 Politika AML/CFT

176. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-politika tal-AML/CTF, sottomessa mill-istituzzjoni ta' kreditu applikanti skont l-Artikolu 5(1), ittra c), nru (iii ) tal-*RTS dwar l-informazzjoni għall-awtorizzazzjoni*, tipprovdi ħarsa ġenerali tal-politiki u l-proċeduri ewlenin, kif stabbilit fl-Artikolu 8(3) tal-AMLD, li se jiddaħħlu fis-seħħ biex jilqgħu għar-riskju ML/TF. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti se jqisu l-kriterji tal-proporzjonalità stabbiliti fil-paragrafi 17–21.

177. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-qafas ikopri l-elementi kollha stabbiliti fl-Artikolu 8(4)[54] tal-AMLD u jissostanzjaw kif l-istituzzjoni ta' kreditu applikanti se tiżgura li tista'

[54] Dan jaqra: "Il-politiki, il-kontrolli u l-proċeduri msemmija fil-paragrafu 3 għandhom jinkludu:

(a) l-iżvilupp ta' politiki, kontrolli u proċeduri interni, inklużi l-mudelli ta' prattiki għall-ġestjoni tar-riskju, id-diliġenza dovuta tal-klijenti, ir-rappurtar, iż-żamma tar-rekords, il-kontroll intern, il-ġestjoni tal-konformità inkluż, fejn xieraq, skont id-daqs u n-natura tan-negozju, il-ħatra ta' uffiċjal tal-konformità fil-livell ta' ġestjoni u l-verifiki fuq l-impjegati;

(b) fejn xieraq, skont id-daqs u n-natura tan-negozju, funzjoni indipendenti ta' awditu biex tittestja l-politiki, il-kontrolli u l-proċeduri interni msemmija fil-punt (a)".

timmitiga u timmaniġġja b'mod effettiv ir-riskji ML/TF li tkun esposta għalihom mill-jum tal-aċċess għas-suq.

### 9.4.6 Funzjoni tal-awditu intern

178. L-awtoritajiet kompetenti, filwaqt li jqisu l-kriterji tal-proporzjonalità stabbiliti fil-paragrafi 17–21, għandhom jivvalutaw il-funzjoni tal-awditu intern ("IAF") indipendenti u effettiva stabbilita mill-istituzzjoni ta' kreditu applikanti. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiksbu viżjoni ċara li l-IAF, skont approċċ ibbażat fuq ir-riskju, se tkun tista' tirrieżamina b'mod indipendenti u tipprovdi assigurazzjoni oġġettiva tal-konformità tal-attivitajiet u l-unitajiet kollha tal-istituzzjoni ta' kreditu, inklużi l-attivitajiet esternalizzati, mal-politiki u l-proċeduri tal-istituzzjoni u ma' rekwiżiti esterni (mhux prudenzjali) oħra.

179. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-IAF għandhiex l-indipendenza organizzattiva tagħha u l-oġġettività tal-awdituri interni protetta mir-rapportar dirett lill-korp ta' ġestjoni u għandhiex riżorsi adegwati biex twettaq il-kompiti tagħha. Għal dan il-għan, għandu jiġi żgurat ukoll li l-IAF ikollha aċċess bla xkiel fl-istituzzjonijiet kollha għar-rekords, id-dokumenti, l-informazzjoni u l-bini kollha tal-istituzzjoni għat-twettiq tal-funzjoni tagħha.

180. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ukoll jekk l-IAF hijiex fdata b'mill-inqas dan li ġej:

(a) l-idoneità tal-qafas ta' kontroll intern, inkluż l-adegwatezza tal-politika u l-proċeduri u l-konformità mar-rekwiżiti legali u regolatorji;

(b) l-iżvilupp ta' pjan ta' awditjar mill-inqas darba fis-sena abbażi tal-objettivi annwali ta' kontroll tal-awditjar intern u li għandu jiġi approvat mill-korp ta' ġestjoni;

(c) il-preżentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq is-sejbiet tal-attivitajiet tagħhom.

181. Huma għandhom jivverifikaw ukoll li l-qafas tal-metodoloġija u l-pjan ta' awditu intern li jkopri l-ewwel tliet snin ta' attività, inkluż l-awditu ta' servizzi esternalizzati, ikunu konsistenti mal-istruttura organizzattiva, it-tipi ta' attivitajiet u l-profil tar-riskju li jirriżultaw mill-pjan ta' direzzjoni tan-negozju vvalutat skont it-taqsima 7.

### 9.4.7 Politika u pjan ta' reżiljenza operazzjonali u ta' kontinwità tan-negozju

182. L-oqfsa tal-politika u l-pjan tal-kontinwità tan-negozju għandhom jiżguraw li l-applikant ikollu pjan sod ta' ġestjoni tal-kontinwità tan-negozju biex jiżgura l-abbiltà tiegħu li jopera fuq bażi kontinwa u biex jillimita t-telf f'każ ta' tfixkil serju tan-negozju. Għandha tiżgura li l-politika u l-pjan ta' kontinwità tan-negozju jinkludu analiżi tar-riskji ewlenin ta' tfixkil tan-negozju u ħarsa ġenerali lejn il-miżuri ta' mitigazzjoni u tiżgura l-ittestjar regolari tal-pjan ta' kontinwità tan-negozju.

### 9.4.8 Politika u sistemi tal-ICT

183. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk il-politika tal-ICT hijiex se tipprovdi lill-istituzzjoni ta' kreditu b'sistemi affidabbli ta' informazzjoni u komunikazzjoni u jekk is-sistemi tal-ICT humiex se jkunu kapaċi jappoġġaw bis-sħiħ il-kapaċitajiet ta' aggregazzjoni tad-*data* tar-riskju fi żminijiet normali kif ukoll matul żminijiet ta' stress. B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni ta' kreditu hijiex ser tkun mill-inqas kapaċi:

(a) tiġġenera *data* preċiża u affidabbli dwar ir-riskju;

(b) taqbad u tiġbor id-*data* tar-riskju materjali kollha fl-istituzzjoni;

(c) tiġġenera *data* tar-riskju aggregata u aġġornata fil-ħin;

(d) tiġġenera *data* aggregata dwar ir-riskju biex tkun sodisfatta firxa wiesgħa ta' talbiet li jsiru fuq talba mill-korp ta' ġestjoni jew mill-awtoritajiet kompetenti;

(e) tiżgura l-funzjonament sod, affidabbli u sigur tas-sistemi ta' informazzjoni u komunikazzjoni li jappoġġaw l-attivitajiet immirati tal-istituzzjonijiet.

184. Fir-rigward tar-riskju tal-ICT u tas-sigurtà[55], l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu sodisfatti li l-qafas ta' ġestjoni se jiżgura l-funzjonament sod, affidabbli u sigur tas-sistemi ta' informazzjoni u komunikazzjoni li jappoġġaw l-attivitajiet tal-istituzzjonijiet ta' kreditu kif ukoll il-prevenzjoni, il-monitoraġġ u l-mitigazzjoni adegwati tar-riskji tal-ICT fi żminijiet normali u matul żminijiet ta' stress. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw, b'mod partikolari:

(a) jekk il-korp ta' ġestjoni għandux responsabbiltà ġenerali għall-istabbiliment, l-approvazzjoni u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-ICT tal-istituzzjonijiet finanzjarji, li għandha tkun allinjata mal-istrateġija ġenerali tan-negozju tal-istituzzjonijiet finanzjarji;

(b) id-definizzjoni ċara u l-attribuzzjoni ta' rwoli u responsabbiltajiet ewlenin, u linji ta' rappurtar rilevanti, biex il-qafas tal-ġestjoni tar-riskju tal-ICT u tas-sigurtà jkun effettiv, inkluża l-allokazzjoni ta' baġit xieraq biex jiġu appoġġati b'mod adegwat il-ħtiġijiet operazzjonali tal-ICT u l-ġestjoni tar-riskju għas-sigurtà u l-ICT;

(c) jekk il-ġestjoni u s-sorveljanza tar-riskji tal-ICT u tas-sigurtà humiex fdati lil funzjoni ta' kontroll indipendenti u oġġettiva, segregata b'mod xieraq mill-proċessi operazzjonali tal-ICT u mhux responsabbli għal kwalunkwe awditu intern, u funzjoni indipendenti ta' awditu intern;

(d) l-arranġamenti biex jiġu żgurati l-identifikazzjoni, l-istabbiliment u ż-żamma tal-immappjar aġġornat tal-funzjonijiet tan-negozju, tar-rwoli u tal-proċessi ta' appoġġ biex tiġi

[55] Kif definit fil-*Linji Gwida tal-EBA dwar il-ġestjoni tar-riskju għas-sigurtà tal-ICT*, "riskju tal-ICT u tas-sigurtà" tfisser: "Riskju ta' telf minħabba ksur tal-kunfidenzjalità, nuqqas ta' integrità tas-sistemi u tad-*data*, nuqqas ta' adegwatezza jew nuqqas ta' disponibbiltà ta' sistemi u *data* jew nuqqas ta' kapaċità li tinbidel it-teknoloġija tal-informazzjoni (IT) fi żmien raġonevoli u bi spejjeż raġonevoli meta jinbidlu r-rekwiżiti ambjentali jew tan-negozju (jiġifieri aġilità). Dan jinkludi riskji għas-sigurtà li jirriżultaw minn proċessi interni inadegwati jew falluti jew avvenimenti esterni inklużi attakki ċibernetiċi jew sigurtà fiżika inadegwata".

identifikata l-importanza ta’ kull waħda mill-interdipendenzi tagħhom fir-rigward tar-riskji tal-ICT u tas-sigurtà;

(e) sa fejn l-informazzjoni tinżamm fuq is-sistemi tal-ICT, jekk ir-rekwiżiti għas-sigurtà tal-informazzjoni humiex se jkunu fis-seħħ;

(f) l-iskala, il-kumplessità u l-importanza tad-dipendenzi relatati mal-ICT, jekk tkun prevista l-esternalizzazzjoni tal-funzjonijiet operattivi tas-servizzi tal-ICT u kwalunkwe attività tas-sistemi tal-ICT – inkluż lil entitajiet fi grupp – jew l-użu ta’ partijiet terzi fir-rigward ta’ tali funzjonijiet u attività.

# 10. Parteċipazzjonijiet azzjonarji u membri kwalifikanti

185. Għall-finijiet tal-Artikolu 14(1)[56] tas-CRD, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżaminaw l-informazzjoni relatata mal-azzjonisti u l-membri sottomessa mill-istituzzjoni ta' kreditu applikanti skont l-Artikoli 8 u 9 tal-*RTS dwar l-informazzjoni għall-awtorizzazzjoni*.

186. Għall-finijiet tal-Artikolu 14(2)[57] tas-CRD, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-konformità tal-azzjonisti u l-membri mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 23(1) tas-CRD kif speċifikat aktar fil-*Linji Gwida Konġunti tal-ASE dwar il-valutazzjoni prudenzjali tal-parteċipazzjonijiet azzjonisti kwalifikanti*[58].

[56] Id-dispożizzjoni taqra: "1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrifjutaw l-awtorizzazzjoni biex tinbeda l-attività ta' istituzzjoni ta' kreditu sakemm l-istituzzjoni ta' kreditu ma tkunx infurmathom dwar l-identitajiet tal-azzjonisti tagħha jew il-membri, sew jekk diretti jew indiretti, persuni fiżiċi jew ġuridiċi, li jkollhom parteċipazzjonijiet azzjonarji kwalifikanti u bl-ammonti ta' dawk il-parteċipazzjonijiet azzjonarji jew, fejn ma jkunx hemm parteċipazzjonijiet azzjonarji kwalifikanti, l-akbar 20 azzjonisti jew membri. [...]".

[57] Id-dispożizzjoni taqra: "L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrifjutaw awtorizzazzjoni biex tinbeda l-attività ta' istituzzjoni ta' kreditu jekk, b'kont meħud tal-ħtieġa li tiġi żgurata l-ġestjoni soda u prudenti ta' istituzzjoni ta' kreditu, huma ma jkunux sodisfatti dwar l-idoneità tal-azzjonisti jew tal-membri, skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 23(1). L-Artikolu 23(2) u (3) u l-Artikolu 24 għandhom japplikaw".

[58] JC/GL/2016/01 tal-20 ta' Diċembru 2016, disponibbli fuq https://esas-joint-committee.europa.eu/Publications/Guidelines/JC_QH_GLs_EN.pdf